II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/608

tal-14 ta' April 2015

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-annotazzjonijiet tal-Ukraina u l-Iżrael fil-lista ta' pajjiżi terzi, l-approvazzjoni tal-programm ta' kontroll tal-Ukraina għas-*Salmonella* fit-tiġieġ li jbidu, ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja dwar il-marda ta' Newcastle u r-rekwiżiti tal-iproċessar ta' prodotti tal-bajd

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar il-kontroll tas-salmonella u aġenti żoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm fl-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([3]), u b'mod partikolari l-frażi ta' introduzzjoni tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt 4 tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(2)(b) u (4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' tajr u bajd tat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ([4]), u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1), 25, 26(2) u 28(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([5]) jistipula li l-prodotti li jaqgħu fl-ambitu tiegħu għandhom biss ikunu importati fl-Unjoni, u jgħaddu mill-Unjoni, bi tranżitu mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni jew mill-kompartimenti elenkati fil-kolonni 1 u 3 tat-tabella li tinsab fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 jistipula regoli għall-kontroll tas-*Salmonella* f'popolazzjonijiet ta' tjur differenti fl-Unjoni. Dan jistipula li l-ammissjoni jew iż-żamma fil-listi ta' pajjiżi terzi stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, għall-ispeċijiet jew il-kategoriji relevanti, li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw bajd għall-ikel minn tjur koperti minn dak ir-Regolament hija suġġetta għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat ta' programm ta' kontroll kontra s-*Salmonella* b'garanziji ekwivalenti għal dawk li jinsabu

([1]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.
([3]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([4]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.
([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

fil-programmi ta' kontroll nazzjonali għas-*Salmonella* fl-Istati Membri. F'dan ir-rigward huma inklużi wkoll fil-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji rilevanti għal dawk il-prodotti stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, il-garanziji u l-informazzjoni rilevanti.

(3) L-Ukraina ssottomettiet il-programmi ta' kontroll tagħhom tas-*Salmonella* f'qatgħat tat-tgħammir ta' *Gallus gallus* lill-Kummissjoni. Instab li dawn il-programmi jagħtu garanziji l-istess għall-garanziji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u għalhekk għandhom jiġu approvati.

(4) L-Ukraina hija elenkata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ([1]) u għandha pjan ta' monitoraġġ tar-residwi approvat għall-bajd.

(5) Bħala konsegwenza tal-ekwivalenza tal-programmi għall-kontroll tas-*Salmonella*, l-annotazzjoni għall-Ukraina fil-lista stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandha tiġi emendata b'tali mod li l-importazzjoni tal-bajd tal-klassi A fl-Unjoni hija permessa.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistipula wkoll ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għal dawk il-komoditajiet. Dawk ir-rekwiżiti jqisu jekk humiex meħtieġa kundizzjonijiet speċifiċi minħabba l-istat tal-mard f'dawk il-pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti, inkluż it-tehid tal-kampjuni u l-ittestjar għall-mard tat-tjur differenti, kif xieraq. Dawk il-kundizzjonijiet speċifiċi, kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji li għandhom jakkumpanjaw dawk il-prodotti għall-importazzjoni fl-Unjoni, jew għat-tranżitu minnha, huma stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(7) Il-marda ta' Newcastle hija marda virali tat-tjur kuntaġġuża ħafna li tista' twassal għal mard serju, b'mod partikolari f'qatgħat tat-tjur li mhumiex imlaqqma u mhumiex protetti. Il-marda ta' Newcastle tinsab f'diversi pajjiżi terzi fuq bażi sporadika jew rari u għal bosta snin dehret fl-Iżrael f'sensiliet epidemiċi.

(8) F'Ġunju tal-2014, l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju tal-Kummissjoni (FVO) għamel spezzjoni fl-Iżrael sabiex jiġu evalwati l-kontrolli tas-saħħa tal-annimali għat-tjur u prodotti tat-tjur maħsuba għall-importazzjoni lejn l-Unjoni.

(9) Il-verifika kkonfermat li s-servizzi veterinarji tal-Iżrael ġeneralment għandhom sistemi effettivi fis-seħħ biex jiġu indirizzati t-tifqigħat tal-marda ta' Newcastle f'azjendi kummerċjali tat-tjur.

(10) Madankollu, ġew identifikati nuqqasijiet serji fil-kontroll tal-marda ta' Newcastle f'azjendi mhux kummerċjali tat-tjur bħan-nuqqas ta' tqassim f'żoni madwar azjendi infettati. In-nuqqas ta' restrizzjonijiet ta' moviment ta' tjur u prodotti tat-tjur fiż-żona madwar xi tfaqqigħa tal-marda ta' Newcastle jistgħu jwasslu għal tixrid u l-introduzzjoni tal-virus f'qatgħat ta' tjur kummerċjali inkluż dawk li minnhom tjur ħajjin jew prodotti tat-tjur li jkunu ntbagħtu lejn l-Unjoni.

(11) Barra minn hekk, instab li l-eżamijiet ta' qabel l-esportazzjoni f'qatgħat ta' tjur tat-tnissil li minnhom huma derivati l-bajd tat-tfaqqis u flieles ta' jum ma kinux imwettqa minn veterinarju uffiċjali u li kien hemm nuqqas ta' informazzjoni disponibbli lill-uffiċjal veterinarju taċ-ċertifikazzjoni waqt il-konsenja ta' prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni.

(12) Il-verifika żvelat ukoll li l-investigazzjonijiet epidemjoloġiċi effettivi kienu nieqsa fir-rigward ta' tifqigħat tal-marda ta' Newcastle kif ukoll analiżi ta' dejta epidemjoloġika minn tfaqqigħ u studji ta' tilqim. Dan ixekkel il-kontroll tal-mard u l-fehim tas-sitwazzjoni epidemjoloġika għal persistenza tal-virus tal-marda ta' Newcastle. Konsegwentement, dan bħalissa ma jippermettix lill-Iżrael jiżviluppa u jimplimenta strateġija komprensiva u effettiva għall-kontroll tal-marda ta' Newcastle.

(13) Dawn in-nuqqasijiet jimminaw l-affidabbiltà ta' garanziji sanitarji għal prodotti tat-tjur previsti fiċ-ċertifikati veterinarji u juru li miżuri ta' kontroll Iżraeljani tal-marda ta' Newcastle bħalissa ma jissodisfawx kompletament ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE ([2]).

(14) B'reazzjoni għal dawn il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-FVO, l-awtoritajiet Iżraeljani indirizzaw in-nuqqasijiet, b'mod partikolari il-prekondizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja u t-tqassim f'żoni madwar it-tifqigħat f'qatgħat mhux kummerċjali.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

([2]) Id-Direttiva 92/66/KEE tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda ta' Newcastle (ĠU L 260, 5.9.1992, p. 1).

(15) Minkejja l-isforzi mwettqa f'dawn l-aħħar sentejn flimkien ma' xi titjib fil-bijosigurtà u miżuri oħra preventivi għall-marda ta' Newcastle, għadhom iseħħu regolarment tifqigħat ta' din il-marda fl-Iżrael, kemm fis-setturi kummerċjali u mhux kummerċjali tat-tjur, u fil-futur qrib jidher li din il-marda mhux se tiġi kompletament ikkontrollata u eradikata.

(16) Minħabba l-persistenza tal-virus tal-marda ta' Newcastle fit-territorju Iżraeljan u t-tifqigħat kontinwi f'qatgħat ta' tjur kummerċjali, huwa meħtieġ li jiġu emendati l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni u rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni eżistenti sabiex jiġu stabbiliti miżuri addizzjonali li jipprovdu garanziji aħjar għas-sikurezza ta' importazzjonijiet ta' tjur u prodotti tat-tjur mill-Iżrael lejn l-Unjoni.

(17) Ir-rekwiżiti sanitarji u tas-saħħa tal-annimali għal azjendi li jżommu tjur produttiv u għat-tgħammir u għasafar li ma jtirux produttivi u tat-tgħammir huma aktar stretti milli għal dawk li jżommu tjur għall-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-priża, li jistgħu għalhekk ikunu f'riskju akbar ta' esponiment għal virus tal-marda ta' Newcastle. Barra minn hekk, huwa diffiċli li jiġi vvalutat l-istatus tal-mard ta' għasafar selvaġġi fl-ambjent naturali tagħhom fejn il-laħam għall-importazzjoni fl-Unjoni jinkiseb minn laħam tal-priża tal-għasafar selvaġġi.

(18) Importazzjonijiet ta' tjur għall-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-priża għandhom ikunu pprojbiti peress li dawn jinżammu f'azjendi li m'humiex meqjusa li jagħtu biżżejjed garanziji tas-saħħa tal-annimali peress l-persistenza tal-virus tal-marda ta' Newcastle fit-territorju Iżraeljan.

(19) L-importazzjonijiet ta' laħam tal-priża tal-għasafar selvaġġi għandha tiġi pprojbita minħabba li l-laħam jinkiseb minn għasafar li jgħixu fl-ambjent naturali tagħhom, fejn l-istatus tas-saħħa tal-annimali ma jistax jiġi vvalutat biżżejjed minħabba l-esponiment mhux magħruf għall-virus tal-marda ta' Newcastle.

(20) L-entrata dwar l-Iżrael f'Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandha għalhekk tiġi emendata u tinkludi l-kodiċi "P3" fil-kolonna 6 li tirreferi għar-restrizzjonijiet fis-seħħ minħabba l-marda ta' Newcastle u "data tal-għeluq" fil-kolonna 6 A fuq il-prodotti, li għalihom l-importazzjonijiet għandhom jiġu pprojbiti (SRP u WGM).

(21) Fl-Iżrael it-tjur huma regolarment imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle u rarament juru mard kliniku meta jiġu infettati b'virus tal-marda ta' Newcastle, li għalhekk jista' jibqa' ma jinstabx. Sabiex jittaffew dawn ir-riskji possibbli teħid tal-kampjuni addizzjonali u l-ittestjar fil-laboratorju għal preżenza ta' virus tal-marda ta' Newcastle qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni għandhom ikunu meħtieġa għal qatgħat li minnhom tjur ħajjin u għasafar ħajjin li ma jtirux huma maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni, tjur ta' tnissil u qatgħat tal-għasafar li ma jtirux għat-tgħammir li minnhom il-bajd tat-tfaqqis u flieles ta' jum huma maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni, qatgħat ta' tjur għall-qatla u għasafar li ma jtirux tal-qatla li jipproduċu laħam maħsub għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u gruppi ta' tiġieġ li jbidu li l-bajd tagħhom huma maħsub għall-importazzjoni fl-Unjoni.

(22) F'dan il-kuntest, l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistipula li l-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni u l-ittestjar għal ċertu mard tat-tjur inkluż il-marda ta' Newcastle għandhom jitwettqu skont l-Anness III. Taqsima I ta' dak l-Anness għandu jiddeskrivi r-rekwiżiti tat-teħid tal-kampjuni u l-ittestjarfir-rigward ta' garanziji addizzjonali għal marda ta' Newcastle.

(23) Bħala konsegwenza, fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 entrata "X" għandha tiżdied mat-taqsima dwar "Garanziji Addizzjonali (AG)" li tirreferi għall-kampjunar speċifiku u rekwiżisti tal-ittestjar stabbiliti fl-Anness III. Il-kodiċi "X" għandu jiġi inkluż fil-kolonna 5 tal-entrata dwar l-Iżrael fil-parti 1 ta' dak l-Anness.

(24) Barra minn hekk, iċ-ċertifikati veterinarji BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, POU, RAT u E għandhom jiġu emendati sabiex jirreferu għal dawn il-Garanziji Addizzjonali (AG) ta' hawn fuq speċifikati taħt "X" li jeħtieġ li jkunu sodisfatti għall-importazzjonijiet fl-Unjoni fir-rigward tal-marda ta' Newcastle.

(25) Barra minn hekk, huwa xieraq li jkunu inklużi rekwiżiti għal trattament addizzjonali ta' prodotti tal-bajd f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) fil-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-prodotti tal-bajd (EP) biex jinattiva kwalunkwe preżenza possibbli tal-virus tal-marda ta' Newcastle f'każ ta' okkorrenza tal-marda ta' Newcastle fit-territorju ta' pajjiż terz.

(26) Il-mudelli taċ-ċertifikat veterinarju għat-tjur tat-tgħammir jew tjur produttiv minbarra għasafar li ma jtirux (BPP), flieles ta' jum minbarra għasafar li ma jtirux (DOC), bajd tat-tfaqqis minbarra għasafar li ma jtirux (HEP) u l-mudell għat-tjur tal-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-priża minbarra għasafar li ma jtirux (SRP) jirreferi għall-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 rigward l-użu tat-tilqim kontra l-marda ta' Newcastle fil-pajjiż terz tal-oriġini u jirrikjedi rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali biex jiġu ssodisfati. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe miżinterpretazzjoni possibbli f'każ li r-rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali ma japplikawx għall-pajjiż terz, territorji jew żona ta' oriġini tal-prodott rispettiv, il-possibilità tat-tħassir tat-taqsima kollha għandha tiġi prevista f'dawn il-mudelli taċ-ċertifikati.

(27) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(28) Qabel ma l-mudelli ta' ċertifikati veterinarji emendati jsiru obbligatorji għandu jitħalla jgħaddi perjodu tranżitorju ta' żmien raġonevoli, u dan sabiex l-Istati Membri u l-industrija jkunu jistgħu jitħallew jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti fil-mudelli ta' ċertifikati veterinarji emendati.

(29) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Approvazzjoni ta' programm ta' kontroll

Il-programm ta' kontroll ippreżentat mill-Ukraina skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 huwa b'dan approvati fir-rigward tas-*Salmonella* fil-qatgħat kollha tat-tiġieġ li jbidu.

Artikolu 2

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 798/2008

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandha tiġi emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Għal perjodu ta' tranżizzjoni sat-18 ta' Mejju 2015, l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti koperti mir-Regolament (KE) Nru 798/2008, akkumpanjati b'ċertifikat veterinarju li jkun imtela skont il-mudelli ta' ċertifikati veterinarji BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, POU, RAT, E jew EP relevanti stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, fil-verżjonijiet tagħhom ta' qabel l-emendi introdotti b'dan ir-Regolament, għandha tibqa tiġi awtorizzata, dment li ċ-ċertifikat veterinarju ġie komplut, iffirmat u datata mhux aktar tard mit-3 ta' Mejju 2015.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' April 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Annessi I u III tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-Parti 1, l-entrata dwar l-Iżrael tinbidel b'dan li ġej:

Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz jew territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi			Status tas-sorveljanza tal-influwenza avjarja	Status tat-tilqim tal-influwenza avjarja	Status tal-kontroll tas-salmonella
			Mudell(i)	Garanziji addizzjonali	Kundizzjonijiet speċifiċi	Skadenza	Data tal-ftuħ			
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
"IL — Israel (6)	IL-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER	X	N			A		S5, ST1
			SRP		P3	18.4.2015				
			POU, RAT	X	N					
			WGM	VIII	P3	18.4.2015				
			E	X						S4
			EP"							

(b) Fil-Parti 1, l-entrata dwar l-Ukraina tinbidel b'dan li ġej:

Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz jew territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi			Status tas-sorveljanza tal-influwenza avjarja	Status tat-tilqim tal-influwenza avjarja	Status tal-kontroll tas-salmonella
			Mudell(i)	Garanziji addizzjonali	Kundizzjonijiet speċifiċi	Skadenza	Data tal-ftuħ			
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
"UA — L-Ukraina	UA-0	Il-pajjiż kollu	E, EP, POU, RAT, WGM"							

(c) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fit-taqsima dwar "Mudelli ta' ċertifikati veterinarji", taħt l-intestatura "Garanziji Addizzjonali (AG)", jiżdied it-test li ġej:

"'X': garanziji addizzjonali li jkopru prodotti ċċertifikati skont il-punt 8 tal-Anness III u l-mudelli taċ-ċertifikat BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, POU, RAT u E";

(ii) il-mudelli ta' ċertifikati veterinarji BPP, BPR, DOC, DOR, HEP u HER huma mibdula b'dawn li ġejjin:

"**Mudell ta' ċertifikat veterinarju għat-tjur produttiv u għat-tgħammir minbarra l-għasafar li ma jtirux (BPP)**

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Konsenjatur
Isem
Indirizz

Pajjiż
Nru tat-Tel.

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti

I.4. Awtorità Lokali Kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz

Pajjiż
Nru tat-Tel.

I.6.

I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO

I.8. Ir-reġjun tal-oriġini | Kodiċi

I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO

I.10.

I.11. Il-post tal-oriġini

Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz

Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz

Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz

I.12.

I.13. Post tat-tagħbija
Indirizz | Numru tal-approvazzjoni

I.14. Data tat-tluq | Ħin tat-tluq

I.15. Mezz ta' trasport

Ajruplan ☐ Vapur ☐
Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Dokument:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17. Numru/i tas-CITES

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA)

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati bħala:

Tgħammir ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodott

Speċi (isem xjentifiku) | Razza/Kategorija | Kwantità

PAJJIŻ **BPP (tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li t-tjur ([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 baqgħu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

għal mill-anqas tliet xhur jew mindu faqqsu fejn ikollhom inqas minn tliet xhur; fejn kienu importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kompartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji stretti talanqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

([2]) ([3]) ([12]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

(a) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

(b) fejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza avjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u t-tjur inżamm f'azjenda:

(a) li fit-30 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni l-influwenza b'patoġeniċità baxxa ma kinitx preżenti fihom;

(b) li jinsab f'żona li mhix taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa u fi kwalunkwe każ li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienx hemm influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-ebda azjenda matul l-aħħar 30 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;

(c) fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjenda fejn ġiet skoperta l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 jum; qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;]

II.1.5 ġejjin minn qatgħa li ma ġietx imlaqqma kontra l-influwenza avjarja;

II.1.6 ġejjin minn azjenda(i) definiti fil-Kaxxa I.11 tal-Parti I approvati uffiċjalment skont ir-rekwiżiti li huma mill-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE, fejn inżammu minn meta faqqsu jew għal mill-anqas sitt ġimgħat eżatt qabel l-esportazzjoni, u

(a) l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata;

(b) li, fil-ħin tal-konsenja, ma kienx (kinux) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(c) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel;

II.1.7 ġejjin minn qatgħa li:

(a) ġiet eżaminata mhux aktar minn 24 siegħa qabel it-tagħbija u ma wriet l-ebda sinjal kliniku ta' mard u ma kien hemm ebda raġuni biex tiġi ssuspettata xi marda;

(b) għaddiet minn programm ta' sorveljanza tal-mard għal:

PAJJIŻ **BPP (tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([3]) *jew* [*Salmonella* Pullorum, *S.* Gallinarum u *Mycoplasma gallisepticum* (tajr);]

([3]) *jew* [*Salmonella arizonae* (serogrupp O:18(K)), *S.* Pullorum u *S.* Gallinarum, *Mycoplasma meleagridis* u *M. gallisepticum* (dundjani);]

([3]) *jew* [*Salmonella* Pullorum u *S.* Gallinarum (farawni, summien, faġani, perniċi u papri);]

skont il-Kapitolu III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE u ma nstabx li kienet infettata, u ma wriet l-ebda raġunijiet biex tkun suspettata xi infezzjoni, minn dawn l-aġenti;

([3]) *jew* [(c) ma tlaqqmitx kontra l-marda ta' Newcastle;]

([3]) *jew* [(c) tlaqqmet kontra l-marda ta' Newcastle:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Isem u tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin/i))	Numru tal-lott	L-isem u l-manifattur tal-vaċċin

]

([5]) *u/jew* [(d) tlaqqmet billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Imlaqqma kontra	Numru tal-lott	L-isem, il-manifattur, u t-tip ta' vaċċini approvati uffiċjalment

]

II.1.8 ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

II.1.9 fil-perjodu msemmi f'II.1.6, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' tajr selvaġġ.

II.2. **Garanziji addizzjonali għas-saħħa pubblika**

([6]) [II.2.1 [Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-qatgħa ta' oriġini u l-qatgħa ġiet ittestjata għal serotipi ta' *Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika.

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-teħid tal-aħħar kampjun tal-qatgħa li minnha r-riżultat tal-ittestjar huwa magħruf [dd/mm/yyyy]	Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa ([7])	
				pożittiv	negattiv

Għal raġunijiet oħra minbarra l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella*, fl-aħħar tliet ġimgħat qabel l-importazzjoni:

([3]) *jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati fuq it-tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux;]

([3]) ([8]) *jew* l-antimikrobiċi ġew amministrati fuq it-tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux;] ..... ;]]

([6]) [II.2.2 Jekk dan hu tjur tat-tgħammir, ma nstabet la s-*Salmonella* Enteritidis u lanqas is-*Salmonella* Typhimurium waqt il-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.2.1.]

II.3. **Garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([9]) [II.3.1 fejn il-konsenja hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;

PAJJIŻ **BPP (tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(b) inżammu f'iżolament għal 14-il jum qabel il-konsenja f'azjenda taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali. B'rabta ma' dan, l-ebda tajr fl-azjenda tal-oriġini jew tal-istazzjon tal-kwarantina, kif applikabbli, ma ġew imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle fi żmien 21 jum qabel il-konsenja u l-ebda tajra li ma kinitx maħsuba għall-konsenja ma daħlet f'dak iż-żmien;

(c) sar eżami seroloġiku fuqhom għall-preżenza ta' antikorpi tal-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-konsenja u rriżultaw negattivi;]

([5]) [II.3.2 il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE, huma previsti:

.....;]

([9]) [II.3.3 jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja:

([3]) *jew* [it-tjur tat-tgħammir irriżultaw negattivi għat-test skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2003/644/KE;]

([3]) *jew* [it-tiġieġ li jbidu (tjur produttiv imrobbi biex jipproduċi l-bajd għall-konsum) irriżultaw negattivi għat-test skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2004/235/KE.]

([13]) [II.3.4 it-tjur tat-tgħammir jew produttivi minbarra l-għasafar li ma jtirux deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġew eżaminati u ttestjati skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.]

II.4. **Rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali**

([10]) [Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda ta' Newcastle li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Anness VI (II) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 mhux projbit fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) ma tlaqqmux għal talanqas it-12-il xahar ta' qabel b'dawk il-vaċċini;

(b) ġej minn xi qatgħa jew qatgħat li għaddew minn test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel ma saret il-konsenja fuq kampjun kloakali ta' mill-anqas 60 tajra f'kull qatgħa u li fih ma nstabu l-ebda paramiksoviruses avjarji b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(c) fis-60 jum ta' qabel il-konsenja ma kinux f'kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b);

(d) inżammu f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali fl-azjendi tal-oriġini fil-perjodu ta' 14-il jum msemmi f'(b).]

([11]) II.5. **Attestazzjoni tal-ġarr tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li t-tjur jinġarru f'kannestri jew gaġeġ li:

(a) fihom biss tjur tal-istess speċi, kategorija u tip, li ġejjin mill-istess azjenda;

(b) għandhom in-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tal-oriġini;

(c) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

(d) minbarra l-vetturi li fihom jinġarru, huma maħsuba biex:

(i) jipprevjenu l-ħruġ ta' ħmieġ u jnaqqsu kemm jista' jkun kull telf ta' rix waqt il-ġarr;

(ii) jippermettu l-ispezzjoni viżiva tat-tjur;

(iii) jippermettu t-tindif u d-disinfettazzjoni;

(e) ġew imnaddfa u diżinfettati, kif sar ukoll fil-każ tal-vetturi li fihom jinġarru, qabel it-tagħbija skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

PAJJIŻ **BPP (tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi tal-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tat-tgħammir u tat-trobbija.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05 jew 01.06.39.

— Kaxxa I.28 (Kategorija): Agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/għattuq li jbid/oħrajn.

Parti II:

([1]) Tjur tat-tgħammir u tjur produttivi kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([2]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([3]) Żomm kif xieraq.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

([5]) Żomm jekk xieraq.

([6]) Din il-garanzija tapplika biss għat-tjur li jappartjenu għall-ispeċi *Gallus gallus* u għad-dundjani.

([7]) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv:

— qatgħat ta' tjur għat-tgħammir: *Salmonella* Hadar, *Salmonella* Virchow u *Salmonella* Infantis;

— qatgħat ta' tjur produttivi: *Salmonella* Enteritidis u *Salmonella* Typhimurium.

([8]) Imla jekk xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

([9]) Ħassar jekk il-konsenja mhix intiża għall-Finlandja jew l-Isvezja.

([10]) Din il-garanzija hi meħtieġa biss għat-tjur li jiġu mill-pajjiżi, territorji, żoni jew kompartimenti fejn japplika l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([11]) Jekk jogħġbok innota li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 l-annimali jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jaraw dawn jifilħux ikomplu l-vjaġġ wara li jidħlu fl-Unjoni. F'każ li r-rekwiżiti ma jintlaħqux, l-annimali jeħtieġ li jinħattu u jittieħdu miżuri ulterjuri.

([12]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għat-tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux (BPP) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom jibqgħu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

([13]) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għat-tjur tat-tgħammir jew produttivi minbarra l-għasafar li ma jtirux li ġejjin mill-pajjiżi, territorji jew żoni bl-annotazzjoni "X" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-għasafarli ma jtirux tat-tgħammir jew produttivi (BPR)

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
		I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini	Kodiċi
		I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO
			I.10.
I.11. Il-post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz Numru tal-approvazzjoni		I.14. Data tat-tluq	Ħin tat-tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Dokument:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17. Numru/i tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA) **01.06.39**	
			I.20. Kwantità
I.21.			I.22. Għadd ta' pakketti
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur			I.24.
I.25. Prodotti ċċertifikati bħala: Tgħammir ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-prodott

Speċi (isem xjentifiku)	Razza/Kategorija	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjonir	Kwantità

PAJJIŻ **BPR (għasafar li ma jtirux tat-tgħammir jew produttivi)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-għasafar li ma jtirux([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 baqgħu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

għal mill-anqas tliet xhur jew mindu faqqsu fejn ikollhom inqas minn tliet xhur; fejn kienu importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kompartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji stretti talanqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

([2]) ([3]) ([9]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [(a) li ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) ([5]) *jew* [(a) li ma kienx ħieles mill-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(b) ejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza avjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u li kienu nżammu f'azjendi:

(a) li fit-30 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni l-influwenza b'patoġeniċità baxxa ma kinitx preżenti fihom;

(b) li jinsab f'żona li mhix taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa u fi kwalunkwe każ li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienx hemm influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-ebda azjenda matul l-aħħar 30 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;

(c) fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjendi fejn ġiet skoperta l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 jum; qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;]

II.1.5 ġejjin minn qatgħa li ma ġietx imlaqqma kontra l-influwenza avjarja;

II.1.6 ġejjin minn azjenda(i) definiti fil-Kaxxa I.11 tal-Parti I approvati uffiċjalment skont ir-rekwiżiti li huma mill-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE, fejn inżammu minn meta faqqsu jew għal mill-anqas sitt ġimgħat eżatt qabel l-esportazzjoni, u

(i) l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata;

(ii) li mhu (mhumiex) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(iii) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel;

II.1.7 ġejjin minn qatgħa li:

(a) ġiet eżaminata mhux aktar minn 24 siegħa qabel it-tagħbija u ma wriet l-ebda sinjal kliniku ta' mard u ma kien hemm ebda raġuni biex tiġi ssuspettata xi marda;

([3]) *jew* [(b) ma tlaqqmitx kontra l-marda ta' Newcastle;]

PAJJIŻ **BPR (għasafar li ma jtirux tat-tgħammir jew produttivi)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([3]) *jew* [(b) tlaqqmet kontra l-marda ta' Newcastle:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Isem u tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin/i))	Numru tal-lott	L-isem u l-manifattur tal-vaċċin

]

([6]) *u/jew* [(c) tlaqqmet billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Imlaqqma kontra	Numru tal-lott	Isem, manifattur u tip ta' vaċċini approvati uffiċjalment

]

([6]) II.1.8 meta jkunu ġejjin minn pajjiżi fl-Asja jew fl-Afrika:

([3]) *jew* [inżammu f'iżolament f'postijiet imħarsa mill-qurdien taħt programm approvat uffiċjalment għall-kontroll tal-ġrieden għal mill-anqas 21 jum qabel jiġu importati fl-Unjoni;]

([3]) *jew* [għaddew minn trattament biex jiżgura li l-qurdien kollu ta' fuqhom inqered qabel ma tmexxew għall-inħawi mħarsa mill-qurdien; speċifikazzjoni tat-trattament: ..... ;]

([3]) *jew* [wara li damu 14-il jum f'postijiet imħarsa mill-qurdien, sar it-test kompetittiv ELISA fuqhom għall-antikorpi tad-deni emoraġiku Kongo-Krimejan u l-għasafar li ma jtirux kollha li tneħħew mill-iżolament irriżultaw negattivi għat-test;]]

II.1.9 ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

II.1.10 fil-perjodu msemmi f'II.1.6, ma ġewx f'kuntatt ma' għasafar li ma jtirux li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' tajr ieħor.

II.2. **Garanziji addizzjonali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([7]) [II.2.1 fejn il-konsenja hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, l-għasafar li ma jtirux ideskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;

(b) inżammu f'iżolament għal 14-il jum qabel il-konsenja f'azjenda taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali. B'rabta ma' dan, l-ebda għasafar li ma jtirux u tajr ieħor fl-azjenda ma ġew imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle matul il-21 jum qabel il-konsenja u l-ebda tajra li ma kinitx maħsuba għall-konsenja ma daħlet f'dak iż-żmien;

(c) sar eżami seroloġiku fuqhom għall-preżenza ta' antikorpi tal-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-konsenja u rriżultaw negattivi;]

([6]) [II.2.1 il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE, huma previsti:

.....;]

([7]) [II.2.2 jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja:

([3]) *jew* [l-għasafar li ma jtirux tat-tgħammir irriżultaw negattivi għat-test skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2003/644/KE;]

([3]) *jew* [it-tiġieġ li jbidu (għasafar li ma jtirux produttivi mrobbijin biex jipproduċu l-bajd għall-konsum) irriżultaw negattivi għat-test skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2004/235/KE.]]

([10]) [II.2.3 ġew eżaminati u ttestjati skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 798/2008].

PAJJIŻ **BPR (għasafar li ma jtirux tat-tgħammir jew produttivi)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([5]) II.3. **Rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa għall-pajjiżi li mhumiex ħielsa mill-marda ta' Newcastle**

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li l-għasafar li ma jtirux deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) tqiegħdu taħt sorveljanza uffiċjali għal mill-anqas 21 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni fi stazzjon tal-kwarantina kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/158/KE u approvata mill-awtorità kompetenti:

(in-numru tal-approvazzjoni u l-indirizz tal-istazzjon tal-kwarantina: .....);

(b) għaddew minn test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali bejn sebgħa u għaxart ijiem wara d-dħul fi stazzjon tal-kwarantina jew fuq kampjuni kloakali jew fuq kampjuni tal-ħmieġ ta' kull tajra u fejn ma nstabu l-ebda iżolati tal-paramiksovirus tat-tjur tat-tip 1 b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4. Kienu disponibbli riżultati favorevoli mit-tajr kollu fil-konsenja qabel ma tneħħew mill-istazzjon tal-kwarantina għall-importazzjoni fl-Unjoni;

(c) ġejjin minn qatgħat li fihom saret is-sorveljanza għall-marda ta' Newcastle skont pjan kampjunarju bbażat fuq l-istatistika li pproduċa riżultati negattivi għal mill-anqas sitt xhur eżatt qabel l-importazzjoni fl-Unjoni.]

([8]) II.4. **Attestazzjoni tal-ġarr tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li l-għasafar li ma jtirux jinġarru f'kannestri jew gaġeġ li:

(a) fihom biss għasafar li ma jtirux tal-istess speċi, kategorija u tip li ġejjin mill-istess azjenda;

(b) għandhom in-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tal-oriġini;

(c) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

(d) minbarra l-vetturi li fihom jinġarru, huma maħsuba biex:

(i) jipprevjenu l-ħruġ ta' ħmieġ u jnaqqsu kemm jista' jkun kull telf ta' rix waqt il-ġarr;

(ii) jippermettu l-ispezzjoni viżiva tal-għasafar li ma jtirux;

(iii) jippermettu t-tindif u d-disinfettazzjoni;

(e) ġew imnaddfa u diżinfettati, kif sar ukoll fil-każ tal-vetturi li fihom jinġarru, qabel it-tagħbija skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi tal-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tat-tgħammir u tat-trobbija.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.28 (Kategorija): Agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/oħrajn; (Sistema ta' Identifikazzjoni u Numru ta' Identifikazzjoni): Il-lametti tal-għonq u l-mikroċippi iridu jinkludu l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-oriġini; il-mikroċippi jridu jkunu konformi mal-istandards tal-ISO.

Parti II:

([1]) "Għasafar li ma jtirux" tfisser tajr tat-tip Struthioniformes, (Casuariidae, Rheidae, Struthionidae) imrobbija jew miżmuma f'gaġeġ għat-tgħammir u għall-produzzjoni.

([2]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([3]) Żomm kif xieraq.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

PAJJIŻ **BPR (għasafar li ma jtirux tat-tgħammir jew produttivi)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([5]) Din hi applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni 'I' fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Madankollu, din ma tapplikax għall-għasafr li ma jtirux tat-tgħammir u produttivi li ġejjin minn kompartimenti.

([6]) Żomm jekk xieraq.

([7]) Ħassar jekk il-konsenja mhix intiża għall-Finlandja jew l-Isvezja.

([8]) Jekk jogħġbok innota li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 l-annimali jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jaraw dawn jifilħux ikomplu l-vjaġġ wara li jidħlu fl-Unjoni. F'każ li r-rekwiżiti ma jintlaħqux, l-annimali jeħtieġ li jinħattu u jittieħdu miżuri ulterjuri.

([9]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għall-għasafar li ma jtirux tat-tgħammir jew produttivi (BPR) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom jibqgħu jintużaw, iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

([10]) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għall-għasafar li ma jtirux tat-tgħammir jew produttivi li ġejjin mill-pajjiżi, territorji jew żoni bl-annotazzjoni "X" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-flieles ta' jum għajr dawk tal-għasafar li ma jtirux (DOC)

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
		I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini	Kodiċi
I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.	
I.11. Il-post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz Numru tal-approvazzjoni		I.14. Data tat-tluq	Ħin tat-tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Dokument:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17. Numru/i tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA)	
		I.20. Kwantità	
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur		I.24.	
I.25. Prodotti ċċertifikati bħala: Tgħammir ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-prodott Speċi (isem xjentifiku) Razza/Kategorija Kwantità			

PAJJIŻ **DOC (flieles ta' jum għajr dawk tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-flieles ta' jum ([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 faqqsu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

fejn il-qatgħat li minnhom ġej il-bajd għat-tfaqqis ġew importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kompartiment tal-oriġini, dan sar skont kundizzjonijiet veterinarji stretti mill-anqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

([2]) ([3]) ([12]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

(a) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

(b) fejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza avjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u ġejjin minn qatgħat ġenituri li kienu nżammu f'azjenda:

(a) li fihom l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa ma kienx preżenti fi żmien 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd li minnu tfaqqsu l-flieles ta' jum;

(b) jinsabu f'żona li mhix taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa u fi kwalunkwe każ li madwaru f'raġġ ta' 1 km b'patoġeniċità baxxa ma kienet preżenti fl-ebda azjenda matul l-aħħar 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd li minnu tfaqqsu l-flieles ta' jum;

(c) meta ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' xi azjenda fejn kien hemm l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd li minnu faqqsu l-flieles ta' jum;]

II.1.5 (a) ma tlaqqmux kontra l-influwenza avjarja;

(b) tnisslu minn qatgħat ġenituri li:

([3]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-influwenza avjarja;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-influwenza avjarja skont pjan ta' tilqim skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta':

.....

(isem u tip ta' vaċċin(i) użat(i))

fl-età ta' ..... ġimgħat;]

II.1.6 tfaqqsu fl-iazjenda(i) definit(i) fil-Kaxxa I.11 tal-Parti I approvat(i) uffiċjalment skont ir-rekwiżiti li huma talanqas ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE, u

(a) l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata;

PAJJIŻ **DOC (flieles ta' jum għajr dawk tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(b) li, fil-ħin tal-konsenja, ma kienx (kinux) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(c) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel;

II.1.7 tfaqqsu mill-bajd li ġej minn qatgħat li:

(a) inżammu għal mill-anqas sitt ġimgħat eżatt qabel l-importazzjoni fl-Unjoni f'azjendi approvati uffiċjalment, li l-approvazzjoni tagħhom, waqt li saret il-konsenja tal-bajd għat-tfaqqis lejn il-mafqas, ma kinitx sospiża jew irtirata;

(b) fil-ħin tal-konsenja, ma kienu soġġetti għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(c) għaddew minn programm ta' sorveljanza tal-mard għal:

([3]) *jew* [*Salmonella* Pullorum, *S.* Gallinarum u *Mycoplasma gallisepticum* (tajr);]

([3]) *jew* [*Salmonella arizonae* (serogrupp O:18(K)), *S.* Pullorum u *S.* Gallinarum, *Mycoplasma meleagridis* u *M. gallisepticum* (dundjani);]

([3]) *jew* [*Salmonella* Pullorum u *S.* Gallinarum (farawni, summien, faġani, perniċi u papri);]

skont il-Kapitolu III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE u ma nstabx li huma infettati, jew ma wrew l-ebda sinjal biex tkun suspettata xi infezzjoni, minn dawn l-aġenti;

([3]) *jew* [(d) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

([3]) *jew* [(d) tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Isem u tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin/i))	Numru tal-lott	L-isem u l-manifattur tal-vaċċin

]

([5]) *u/jew* [(e) tlaqqmu billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Imlaqqma kontra	Numru tal-lott	L-isem, il-manifattur u t-tip ta' vaċċini approvati uffiċjalment

]

II.1.8 tfaqqsu minn bajd li:

(a) qabel il-konsenja lejn il-mafqas, kien immarkat skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti;

(b) kien ġie diżinfettat skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti;

([5]) II.1.9 tlaqqmu b'vaċċini approvati uffiċjalment nhar ..... kontra ..... (irrepeti kif meħtieġ);]

II.2. **Garanziji addizzjonali għas-saħħa pubblika**

([6]) [II.2.1 Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-qatgħa ġenitur ta' oriġini u din il-qatgħa ġenitur ġiet ittestjata għal serotipi tas-*Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika.

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-teħid tal-aħħar kampjun tal-qatgħa li minnha r-riżultat tal-ittestjar huwa magħruf [dd/mm/yyyy]	Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa ([7])	
				pożittiv	negattiv

PAJJIŻ **DOC (flieles ta' jum għajr dawk tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-flieles ta' jum.

Għal raġunijiet oħra minbarra l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella*:

([3]) *jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati lill-flieles ta' jum (inkluż injezzjoni in ovo);]

([3]) ([8]) *jew* [l-antimikrobiċi li ġejjin ġew amministrati lill-flieles ta' jum (inkluż injezzjoni in ovo) .....;]]

([6]) [II.2.2 Jekk il-flieles ta' jum huma maħsuba għat-tgħammir, ma nstabet la s-*Salmonella* Enteritidis u lanqas is-*Salmonella* Typhimurium waqt il-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.2.1.]

II.3. **Garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([9]) [II.3.1 fejn il-konsenja hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, il-flieles ta' jum deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġejjin minn bajd għat-tfaqqis li ġej minn qatgħat li:

([3]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin inattivat;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle permezz ta' vaċċin ħaj mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data li fiha nġabar il-bajd;]]

([5]) [II.3.2 il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE, huma previsti:

..... ;]

([9]) [II.3.3 jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja, il-flieles ta' jum biex jiddaħħlu f'qatgħat tat-tjur tat-tgħammir jew f'qatgħat ta' tjur produttivi ġejjin minn qatgħat li ġew ittestjati b'riżultati negattivi skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2003/644/KE.]

([13]) [II.3.4 il-flieles ta' jum imsemmija f'dan iċ-ċertifikat tfaqqsu minn bajd ġej minn qatgħat tat-tgħammir li ġew eżaminati u ttestjati skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.]

II.4. **Rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([10]) [II.4.1 għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda ta' Newcastle li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Anness VI (II) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 mhux projbit fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

it-tjur tat-tgħammir li minnhom tnisslu l-flieles ta' jum:

(a) ma tlaqqmux għal mill-anqas it-12-il xahar ta' qabel b'dawk il-vaċċini;

(b) ġej minn xi qatgħa jew qatgħat li għaddew minn test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel ma saret il-konsenja fuq kampjun kloakali ta' mill-anqas 60 tajra f'kull qatgħa u li fih ma nstabu l-ebda paramiksoviruses avjarji b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(c) fis-60 jum ta' qabel il-konsenja ma ġewx f'kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b);

(d) inżammu f'iżolament fl-azjendi tal-oriġini fil-perjodu ta' 14-il jum msemmi f'(b);]

([10]) [II.4.2 il-bajd għat-tfaqqis li minnu tfaqqsu l-flieles ta' jum ma kellhomx kuntatt fil-mafqas jew matul il-ġarr ma' bajd jew tjur li ma jissodisfax ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq.]

([11]) II.5. **Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

II.5.1 il-flieles ta' jum deskritti f'dan iċ-ċertifikat jinġarru f'kaxxi nodfa għal kollox, li jintremew wara l-użu u li huma wżati għall-ewwel darba u:

PAJJIŻ **DOC (flieles ta' jum għajr dawk tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(a) fihom biss flieles ta' jum tal-istess speċi, kategorija u tip, li ġejjin mill-istess azjenda;

(b) għandhom it-tagħrif li ġej:

— l-isem tal-pajjiż, territorju, żona jew kompartiment tal-konsenja,

— l-ispeċi tat-tjur ikkonċernati,

— l-għadd ta' flieles,

— il-kategorija u t-tip ta' produzzjoni li għalihom ikunu maħsuba,

— l-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tal-produzzjoni,

— in-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tal-oriġini,

— l-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(c) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

il-konteniturі u l-vetturi li fihom inġarru l-kaxxi msemmija hawn fuq tnaddfu u ġew diżinfettati qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-imfaqas u tal-azjenda tat-tgħammir.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05 jew 01.06.39.

— Kaxxa I.28: (Kategorija): Agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/stokk li jbid/brojlers/oħrajn.

Parti II:

([1]) "Flieles ta' jum" kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([2]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([3]) Żomm kif xieraq.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

([5]) Żomm jekk xieraq.

([6]) Din il-garanzija tapplika biss għall-flieles ta' jum li jappartjenu għall-ispeċi *Gallus gallus* u għad-dundjani.

([7]) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv:

— qatgħat ta' tjur għat-tgħammir: *Salmonella* Hadar, *Salmonella* Virchow u *Salmonella* Infantis;

— qatgħat ta' tjur produttivi: *Salmonella* Enteritidis u *Salmonella* Typhimurium.

([8]) Żomm jekk xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

([9]) Ħassar jekk il-konsenja mhix intiża għall-Finlandja jew l-Isvezja.

([10]) Din il-garanzija hi meħtieġa biss għat-tjur li jiġu mill-pajjiżi, territorji, żoni jew kompartimenti fejn japplika l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([11]) Jekk jogħġbok innota li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 l-annimali jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jaraw dawn jifilħux ikomplu l-vjaġġ wara li jidħlu fl-Unjoni. F'każ li r-rekwiżiti ma jintlaħqux, l-annimali jeħtieġ li jinħattu u jittieħdu miżuri ulterjuri.

PAJJIŻ **DOC (flieles ta' jum għajr dawk tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([12]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għall-flieles ta' jum għajr dawk tal-għasafar li ma jtirux (DOC) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandu jibqa' jintuża iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

([13]) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għall-flieles ta' jum li tfaqqsu minn bajd tat-tjur tat-tgħammir ġejjin mill-pajjiżi, territorji jew żoni bl-annotazzjoni "X" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

([14]) III. **Informazzjoni supplimentari dwar is-saħħa li tikkonċerna n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat li jidher fil-kaxxa I.2.**

.....

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li:

(a) il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-Parti II ta' dan iċ-ċertifikat għadhom qed jiġu ssodisfati;

(b) il-flieles ta' jum ([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(i) tfaqqsu fi ..... (dd/mm/yyyy);

(ii) fil-ħin tal-konsenja ġew eżaminati u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew raġunijiet biex tkun suspettata xi marda;

(iii) ma ġewx f'kuntatt ma' tjur li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' tajr selvaġġ.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

([14]) Din it-taqsima tista' tkun fuq karta separata sakemm tkun annessa mal-Parti II taċ-ċertifikat tas-saħħa.

Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-flieles ta' jum tal-għasafar li ma jtirux (DOR)

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
		I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO	I.10.
I.11. Il-post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz Numru tal-approvazzjoni		I.14. Data tat-tluq	Ħin tat-tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Dokument:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17. Numru/i tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA) **01.06.39**	
		I.20. Kwantità	
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur		I.24.	
I.25. Prodotti ċċertifikati bħala: Tgħammir ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-prodott Speċi (isem xjentifiku) Razza/Kategorija Kwantità			

PAJJIŻ **DOR (flieles ta' jum tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-flieles ta' jum ([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 faqqsu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

fejn il-qatgħat li minnhom ġej il-bajd għat-tfaqqis ġew importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kompartiment tal-oriġini, dan sar skont kundizzjonijiet veterinarji stretti mill-anqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

([2]) ([3]) ([9]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [(a) li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) ([5]) *jew* [(a) li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kinux ħielsa mill-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(b) fejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza avjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u ġejjin minn qatgħat ġenituri li kienu nżammu f'azjenda:

(a) li fihom l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa ma kienx preżenti fi żmien 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd li minnu tfaqqsu l-flieles ta' jum;

(b) jinsabu f'żona li mhix taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa u fi kwalunkwe każ li madwaru f'raġġ ta' 1 km b'patoġeniċità baxxa ma kienet preżenti fl-ebda azjenda matul l-aħħar 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd li minnu tfaqqsu l-flieles ta' jum;

(c) meta ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' xi azjenda fejn kien hemm l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd li minnu faqqsu l-flieles ta' jum;]

II.1.5 (a) ma tlaqqmux kontra l-influwenza avjarja;

(b) tnisslu minn qatgħat ġenituri li:

([3]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-influwenza avjarja;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-influwenza avjarja skont pjan ta' tilqim skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta':

.....

(isem u tip ta' vaċċin(i) użat(i))

fl-età ta' ..... ġimgħat;]

PAJJIŻ **DOR (flieles ta' jum tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1.6 faqqsu fl-azjenda(i) definit(i) fil-Kaxxa I.11 tal-Parti I approvat(i) uffiċjalment skont ir-rekwiżiti li huma talanqas ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE:

(a) l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata;

(b) li, fil-ħin tal-konsenja, ma kienx (ma kinux) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(c) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel;

II.1.7 faqqsu mill-bajd li ġej minn qatgħat li:

(a) inżammu għal mill-anqas is-sitt ġimgħat ta' qabel f'azjendi approvati uffiċjalment, li l-approvazzjoni tagħhom, sakemm saret il-konsenja tal-bajd għat-tifqis lejn il-mafqas, ma kinitx sospiża jew irtirata;

([3]) *jew* [(b) inżammu f'azjendi li jinsabu f'pajjiż, territorju, żona jew kompartiment li ma għandux il-marda ta' Newcastle;]

([3])([5]) *jew* [(b) inżammu f'azjendi li jinsabu f'pajjiż, territorju, żona jew kompartiment li mhuwiex/mhijiex ħieles/ħielsa mill-marda ta' Newcastle;]

(c) fil-ħin tal-konsenja, ma kienu soġġetti għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

([3]) *jew* [(d) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

([3]) *jew* [(d) tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Isem u tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin/i))	Numru tal-lott	L-isem u l-manifattur tal-vaċċin

]

([7]) *u/jew* [(e) tlaqqmu billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Imlaqqma kontra	Numru tal-lott	L-isem, il-manifattur u t-tip ta' vaċċini approvati uffiċjalment

]

([6]) II.1.8 tfaqqsu minn bajd li:

(a) qabel il-konsenja lejn il-mafqas, kien immarkat skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti;

(b) kien ġie diżinfettat skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti;

II.1.9 faqqsu nhar ..... (jj/xx/ssss);

([7]) [II.1.10 tlaqqmu b'vaċċini approvati uffiċjalment nhar ..... kontra ..... (irrepeti kif meħtieġ);]

II.1.11 fil-ħin tal-konsenja ġew eżaminati u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew raġunijiet biex tkun suspettata xi marda;

II.1.12 ma ġewx f'kuntatt ma' għasafar li ma jtirux jew tjur oħra li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat.

PAJJIŻ **DOR (flieles ta' jum tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.2. **Garanziji addizzjonali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([6]) [II.2.1 fejn il-konsenja hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, il-flieles ta' jum deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġejjin minn:

(a) bajd għat-tfaqqis li ġej minn qatgħat li:

([3]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin inattivat;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data li fiha nġabar il-bajd;]

(b) mafqas fejn il-prassi tax-xogħol tiżgura li dak il-bajd jiġi inkubat f'ħinjiet u f'postijiet kompletament differenti mill-bajd li ma jissodisfax ir-rekwiżiti f'(a);]

([7]) [II.2.2 qed jingħataw il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru ta' destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE:

.....;]

([6]) [II.2.3 jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja, il-flieles ta' jum li se jiddaħħlu f'qatgħat tal-għasafar li ma jtirux tat-tgħammir jew f'qatgħat ta' għasafar li ma jtirux produttivi ġejjin minn qatgħat li ġew ittestjati b'riżultati negattivi skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2003/644/KE.]

([10]) [II.2.4 il-flieles ta' jum imfaqqsa mill-għasafar li ma jtirux tat-tgħammir ġew eżaminati u ttestjati skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.]

II.3. **Rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa għall-pajjiżi li mhumiex ħielsa mill-marda ta' Newcastle**

([5]) [Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

II.3.1 l-għasafar li ma jtirux tat-tgħammir li minnhom ġejjin il-flieles ta' jum:

(a) inżammu f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali mhux inqas minn 30 jum qabel biedu l-bajd għat-tfaqqis li minnhom tnisslu l-flieles ta' jum għall-importazzjoni fl-Unjoni;

(b) għaddew minn test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali bejn sebgħa u għaxart ijiem wara d-dħul tagħhom fl-iżolament jew fuq kampjun kloakali jew fuq kampjuni tal-ħmieġ minn kull tajra u li fihom ma nstabu l-ebda iżolati ta' paramiksoviruses avjarji tat-tip 1 b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4. Ħarġu riżultati favorevoli għat-testijiet kollha li saru qabel il-flieles ta' jum tneħħew mill-mafqas għall-importazzjoni fl-Unjoni;

(c) matul l-aħħar 30 jum qabel li biedu l-bajd tat-tifqis li minnu tnisslu l-flieles ta' jum għall-importazzjoni fl-Unjoni u waqt li kienu qed ibidu, ma kinux f'kuntatt ma' tjur (inkluż l-għasafar li ma jtirux) li ma jissodisfawx il-garanziji msemmija f'(a), (b) u (d);

(d) ġejjin minn qatgħat li fihom saret is-sorveljanza għall-marda ta' Newcastle skont pjan kampjunarju bbażat fuq l-istatistika li pproduċa riżultati negattivi għal mill-anqas sitt xhur eżatt qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;]

([5]) [II.3.2 il-bajd għat-tifqis li minnu faqqsu l-flieles ta' jum, u dawn il-flieles ma kellhomx kuntatt fil-mafqas jew matul il-ġarr ma' bajd jew tjur, inklużi l-għasafar li ma jtirux, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq.]

([8]) II.4. **Attestazzjoni tal-ġarr tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li l-flieles ta' jum jinġarru f'kaxxi nodfa għal kollox li jintremew wara l-użu, li huma użati għall-ewwel darba, u li:

(a) fihom biss flieles ta' jum tal-istess speċi, kategorija u tip, li ġejjin mill-istess azjenda;

(b) għandhom it-tagħrif li ġej b'kitba li tinqara b'mill-anqas lingwa waħda tal-Unjoni:

— l-isem tal-pajjiż, territorju, żona jew kompartiment tal-konsenja,

— l-ispeċi tal-għasafar li ma jtirux konċernati,

— l-għadd ta' flieles,

— il-kategorija u t-tip ta' produzzjoni li għalihom ikunu maħsuba,

PAJJIŻ **DOR (flieles ta' jum tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

— l-isem, l-indirizz u n-numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment,

— l-isem, l-indirizz u n-numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment tal-oriġini,

— id-data tat-tluq tat-trasport

— l-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(c) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

il-kontenituri u l-vetturi li fihom inġarru l-kaxxi msemmija hawn fuq tnaddfu u ġew diżinfettati qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-ismijiet, l-indirizzi u n-numri ta' approvazzjoni tal-imfaqas u l-azjendi tat-tgħammir.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.28 (Kategorija): Agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/oħrajn.

Parti II:

([1]) "Flieles ta' jum" tfisser għasafar li ma jtirux ta' età inqas minn 72 siegħa.

([2]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([3]) Żomm kif xieraq.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

([5]) Din hi applikabbli biss għall-pajjiżi bl-entrata 'II' fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Madankollu, dan ma japplikax għall-flieles ta' jum ta' għasafar li ma jtirux li ġejjin minn kompartimenti.

([6]) Ħassar jekk il-konsenja mhix intiża għall-Finlandja jew l-Isvezja.

([7]) Żomm jekk xieraq.

([8]) Jekk jogħġbok innota li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 l-annimali jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jaraw dawn jifilħux ikomplu l-vjaġġ wara li jidħlu fl-Unjoni. F'każ li r-rekwiżiti ma jintlaħqux, l-annimali jeħtieġ li jinħattu u jittieħdu miżuri ulterjuri.

([9]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għall-flieles ta' jum tal-għasafar li ma jtirux (DOR) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandu jibqa' jintuża iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

([10]) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għall-flieles ta' jum ġejjin mill-pajjiżi, territorji jew żoni bl-annotazzjoni "X" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-bajd għat-tfaqqis ta' tjur għajr għasafar li ma jtirux (HEP)

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
		I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO	I.10.
I.11. Il-post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz Numru tal-approvazzjoni		I.14. Data tat-tluq	Ħin tat-tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Dokument:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17. Numru/i tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA) **04.07**	
		I.20. Kwantità	
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur		I.24.	
I.25. Prodotti ċċertifikati bħala: Tgħammir ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-prodott

Speċi (isem xjentifiku)	Razza/Kategorija	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Kwantità

PAJJIŻ **HEP (bajd għat-tifqis ta' tjur għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-bajd għat-tfaqqis ([1]) deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 ġej minn qatgħat li baqgħu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

għal mill-anqas tliet xhur. Fejn il-qatgħat li minnhom ġej il-bajd għat-tfaqqis ġew importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kompartiment tal-oriġini, dan sar skont kundizzjonijiet veterinarji stretti mill-anqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

([2]) ([3]) ([10]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

(a) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

(b) fejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza avjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u ġejjin minn qatgħat ġenituri li kienu nżammu f'azjenda:

(a) fejn l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa ma kinitx preżenti fi żmien 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd;

(b) jinsab f'żona li mhix taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa u fi kwalunkwe każ li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienet preżenti l-ebda influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa matul l-aħħar 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd fuq l-ebda azjenda;

(c) meta ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjenda fejn ġiet skoperta influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd;]

II.1.5 tnisslu minn qatgħat ġenituri li:

([3]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-influwenza avjarja;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-influwenza avjarja skont pjan ta' tilqim skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta':

.....

(isem u tip ta' vaċċin(i) użat(i))

fl-età ta' ..... ġimgħat;]

II.1.6 ġejjin minn qatgħat li:

(a) ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

(b) inżammu għal mill-anqas sitt ġimgħat eżatt qabel l-importazzjoni fl-Unjoni fl-istabbiliment(i) definit fil-Kaxxa I.11 tal-Parti I, approvati uffiċjalment skont ir-rekwiżiti li huma mill-anqas ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE:

PAJJIŻ **HEP (bajd għat-tifqis ta' tjur għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

— l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata;

— li mhu (mhumiex) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

— li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel;

(c) matul il-perjodu msemmi f'(b), ma ġewx f'kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan iċ-ċertifikat jew ma' għasafar selvaġġi;

(d) għaddew minn programm ta' sorveljanza tal-mard għal:

([3]) *jew* [*Salmonella* Pullorum, *S.* Gallinarum u *Mycoplasma gallisepticum* (tajr);]

([3]) *jew* [*Salmonella arizonae* (serogrupp O:18(K)), *S.* Pullorum u *S.* Gallinarum, *Mycoplasma meleagridis* u *M. gallisepticum* (dundjani);]

([3]) *jew* [*Salmonella* Pullorum u *S.* Gallinarum (farawni, summien, faġani, perniċi u papri);]

skont il-Kapitolu III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KEE u ma nstabx li huma infettati, jew ma wrew l-ebda sinjal biex tkun suspettata xi infezzjoni, minn dawn l-aġenti;

([3]) *u/jew* [(e) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

([3]) *jew* [(e) tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle:

	Identifikazzjoni al-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Isem u tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin/i))	Numru tal-lott	L-isem u l-manifattur tal-vaċċin

]

([8]) *u/jew* [(f) tlaqqmu billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Imlaqqma kontra	Numru tal-lott	L-isem, il-manifattur u t-tip ta' vaċċini approvati uffiċjalment

]

([9]) II.1.7 ġew immarkati kif indikat fil-punt I.28 taċ-ċertifikat bl-użu ta' .... (linka tal-kulur);

II.1.8 ġew diżinfettati skont l-istruzzjonijiet tiegħi, bl-użu ta' ..... (l-isem tal-prodott u s-sustanza attiva) għal ..... (ħin f'minuti);

II.1.9 inġabru minn ..... (dd/mm/yyyy) sa ..... (dd/mm/yyyy);

II.1.10 ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda.

II.2. **Garanziji addizzjonali għas-saħħa pubblika**

([5]) [II.2.1 Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-qatgħa ġenitur ta' oriġini u din il-qatgħa ġenitur ġiet ittestjata għal serotipi tas-*Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika.

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-teħid tal-aħħar kampjun tal-qatgħa li minnha r-riżultat tal-ittestjar huwa magħruf [dd/mm/yyyy]	Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa ([6])	
				pożittiv	negattiv

PAJJIŻ **HEP (bajd għat-tifqis ta' tjur għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([5]) [II.2.2 La s-*Salmonella* Enteritidis u lanqas is-*Salmonella* Typhimurium ma nstabu waqt il-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.2.1.]

II.3. **Garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([7]) [II.3.1 meta l-konsenja tkun maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, il-bajd għat-tfaqqis deskritt f'dan iċ-ċertifikat ġej minn tjur li:

([3]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin inattivat;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj sa mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data inizjali msemmija fil-punt II.1.9;]]

([8]) [II.3.2 il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE, huma previsti:

.....;]

([7]) [II.3.3 jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja, il-bajd għat-tfaqqis ġej minn qatgħat li ġew ittestjati b'riżultati negattivi skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2003/644/KE.]

([11]) [II.3.4 il-bajd tat-tfaqqis deskritti f'dan iċ-ċertifikat inġabru mill-qatgħat tat-tajr tat-tgħammir li ġie eżaminat u ttestjat skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 798/2008.]

II.4. **Rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali**

([8]) [Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda ta' Newcastle li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Anness VI (II) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 mhux projbit fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ..... ;]

([3]) ([4]) *jew* [kumpartiment(i) ..... ;]

it-tjur li minnhom tnissel il-bajd għat-tfaqqis:

(a) ma tlaqqmux għal mill-anqas it-12-il xahar ta' qabel b'dawk il-vaċċini;

(b) ġejjin minn qatgħa jew qatgħat li għaddew minn test tal-iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel il-konsenja fuq kampjun kloakali ta' mill-inqas 60 tajra minn kull qatgħa kkonċernata u li fih ma nstabu l-ebda paramiksoviruses avjarji b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' iktar minn 0,4;

(c) fis-60 jum ta' qabel il-konsenjama ġewx f'kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b);

(d) inżammu iżolati taħt sorveljanza uffiċjali fl-azjenda tal-oriġini matul il-perjodu ta' 14-il jum msemmi f'(b).]

II.5. **Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

II.5.1 il-bajd għat-tfaqqis jinġarr f'kaxxi nodfa għal kollox li jintremew wara l-użu u li huma użati għall-ewwel darba u li:

(a) fihom biss bajd għat-tfaqqis tal-istess speċi, kategorija u tip li ġejjin mill-istess azjenda;

(b) għandhom l-indikazzjonijiet li ġejjin:

— il-kelma 'tfaqqis',

— l-isem tal-pajjiż, territorju, żona jew kumpartiment tal-konsenja,

— l-ispeċi tat-tjur ikkonċernati,

— l-għadd ta' bajd,

— il-kategorija u t-tip ta' produzzjoni li għalihom ikunu maħsuba,

— l-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-produzzjoni,

PAJJIŻ **HEP (bajd għat-tifqis ta' tjur għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

— in-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tal-oriġini,

— l-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(c) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

II.5.2 il-kontenituri u l-vetturi li fihom inġarru l-kaxxi msemmija hawn fuq tnaddfu u ġew diżinfettati qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tat-tgħammir.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.28 (Kategorija): Agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/għattuq li jbid/bajd tad-dundjani għall-konsum/oħrajn; (Sistema ta' identifikazzjoni u Numru ta' identifikazzjoni): Daħħal il-marka tal-bajda.

Parti II:

([1]) Għall-bajd għat-tfaqqis tat-tjur kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-eċċezzjoni tal-għasafar li ma jtirux.

([2]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([3]) Żomm kif xieraq.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

([5]) Din il-garanzija tapplika biss għat-tjur tal-ispeċi *Gallus gallus* u għad-dundjani.

([6]) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa ġenitur indika bħala pożittiv: *Salmonella* Infantis, *Salmonella* Virchow u *Salmonella* Hadar.

([7]) Ħassar jekk il-konsenja mhix intiża għall-Finlandja jew l-Isvezja.

([8]) Żomm jekk xieraq.

([9]) Fil-ħin tal-konsenja l-bajd irid jiġi mmarkat individwalment skont ir-Regolament (KE) Nru 617/2008, inkluż in-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tat-tgħammir, b'linka sewda li ma titħassarx; dawn il-marki jridu jinkitbu b'mod li jinqraw u b'mill-inqas lingwa waħda tal-Unjoni.

([10]) Għall-pajjiżi jew it-territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għall-bajd għat-tifqis tat-tjur tal-irziezet għajr tal-għasafar li ma jtirux (HEP) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom ikomplu jintużaw, iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

([11]) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għall-bajd tat-tfaqqis ġej mill-pajjiżi, territorji jew żoni bl-annotazzjoni "X" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-bajd għat-tifqis tal-għasafar li ma jtirux (HER)

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur
Isem
Indirizz

Pajjiż
Nru tat-Tel.

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti

I.4. Awtorità Lokali Kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz

Pajjiż
Nru tat-Tel.

I.6.

I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO

I.8. Ir-reġjun tal-oriġini | Kodiċi

I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO

I.10.

I.11. Il-post tal-oriġini

Isem Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem Numru tal-approvazzjoni
Indirizz

I.12.

I.13. Post tat-tagħbija
Indirizz Numru tal-approvazzjoni

I.14. Data tat-tluq Ħin tat-tluq

I.15. Mezz ta' trasport

Ajruplan ☐ Vapur ☐
Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Dokument:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17. Numru/i tas-CITES

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA)
04.07

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati bħala:

Tgħammir ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodott

Speċi (isem xjentifiku)	Razza/Kategorija	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Kwantità

PAJJIŻ **HER (bajd għat-tifqis tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Ċertifikazzjoni tas-Saħħa tal-Annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-bajd għat-tfaqqis ([1]) deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 ġej minn qatgħat li baqgħu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

għal mill-anqas tliet xhur. Fejn il-qatgħat kienu importati fil-pajjiż, fit-territorju, fiż-żona jew fil-kompartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji stretti mill-anqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

([2]) ([3]) ([9]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [(a) li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) ([5]) *jew* [(a) li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kinux ħielsa mill-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(b) fejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza avjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u ġejjin minn qatgħat ġenituri li kienu nżammu f'azjenda:

(a) fejn l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa ma kinitx preżenti fi żmien 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd;

(b) jinsab f'żona li mhix taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa u fi kwalunkwe każ li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienet preżenti l-ebda influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa matul l-aħħar 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd fuq l-ebda azjenda;

(c) meta ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjenda fejn ġiet skoperta influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd;]

II.1.5 tnisslu minn qatgħat ġenituri li:

([3]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-influwenza avjarja;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-influwenza avjarja skont pjan ta' tilqim skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta':

.....

(isem u tip ta' vaċċin(i) użat(i))

fl-età ta' ..... ġimgħat;]

II.1.6 ġejjin minn qatgħat li:

(a) ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

PAJJIŻ **HER (bajd għat-tifqis tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(b) inżammu għal mill-anqas sitt ġimgħat eżatt qabel l-importazzjoni fl-Unjoni fl-istabbiliment(i) definit fil-Kaxxa I.11 tal-Parti I, approvati uffiċjalment skont ir-rekwiżiti li huma mill-anqas ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE:

— l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata;

— li mhu (mhumiex) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

— li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel;

(c) matul il-perjodu msemmi f'(b), ma ġewx f'kuntatt ma' tjur jew għasafar li ma jtirux oħra li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan iċ-ċertifikat;

([3]) *jew* [(d) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

([3]) *jew* [(d) tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Isem u tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin/i))	Numru tal-lott	L-isem u l-manifattur tal-vaċċin

]

([8]) [(e) tlaqqmu billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Imlaqqma kontra	Numru tal-lott	L-isem, il-manifattur u t-tip ta' vaċċini approvati uffiċjalment

]

([6]) II.1.7 ġew immarkati kif indikat fil-punt I.28 taċ-ċertifikat bl-użu ta' .... (linka tal-kulur);

II.1.8 ġew diżinfettati skont l-istruzzjonijiet tiegħi, bl-użu ta' ..... (l-isem tal-prodott u s-sustanza attiva) għal ..... (ħin f'minuti);

II.1.9 inġabru minn ..... (dd/mm/yyyy) sa ..... (dd/mm/yyyy);

II.1.10 ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda.

II.2. **Garanziji addizzjonali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([7]) [II.2.1 meta l-konsenja tkun maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, il-bajd għat-tfaqqis deskritt f'dan iċ-ċertifikat ġej minn għasafar li ma jtirux li:

([3]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin inattivat;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj sa mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data inizjali msemmija fil-punt II.1.9;]]

([8]) [II.2.2 qed jingħataw il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru ta' destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE:

.....;]

PAJJIŻ **HER (bajd għat-tifqis tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([7]) [II.2.3 jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja, il-bajd għat-tfaqqis ġej minn qatgħat li ġew ittestjati b'riżultati negattivi skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2003/644/KE.]

([10]) [II.2.4 il-flieles ta' jum miġbura bajd tat-tfaqqis deskritti f'dan iċ-ċertifikat inġabru mill-qatgħat tal-għasafar li ma jtirux tat-tgħammir li ġie eżaminat u ttestjat skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 798/2008.]

([5]) II.3. **Rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa għall-pajjiżi li mhumiex ħielsa mill-marda ta' Newcastle**

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li l-għasafar li ma jtirux tat-tgħammir li minnhom tnisslu l-bajd għat-tfaqqis:

(a) inżammu f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali għal mhux inqas minn 30 jum qabel biedu l-bajd għat-tfaqqis għall-importazzjoni fl-Unjoni;

(b) għaddew minn test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali bejn sebgħa u għaxart ijiem wara d-dħul tagħhom fl-iżolament jew fuq kampjun kloakali jew fuq kampjuni tal-ħmieġ minn kull tajra u li fihom ma nstabu l-ebda iżolati ta' paramiksoviruses avjarji tat-tip 1 b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4. Kienu disponibbli riżultati favorevoli għat-tajr kollu qabel ma tneħħa l-bajd mill-iżolament għall-importazzjoni fl-Unjoni;

(c) matul l-aħħar 30 jum qabel u waqt li biedu l-bajd tat-tifqis għall-importazzjoni fl-Unjoni, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur (inklużi għasafar li ma jtirux) li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija f'(a), (b) u (d);

(d) ġejjin minn qatgħat li fihom saret is-sorveljanza għall-marda ta' Newcastle skont pjan kampjunarju bbażat fuq l-istatistika li pproduċa riżultati negattivi għal talanqas sitt xhur eżatt qabel l-importazzjoni lejn l-Unjoni.]

II.4. **Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li l-bajd għat-tifqis jinġarr f'kaxxi nodfa għal kollox, li jintremew wara l-użu u li huma wżati għall-ewwel darba u li:

(a) fihom biss bajd għat-tfaqqis tal-istess speċi, kategorija u tip li ġejjin mill-istess azjenda;

(b) għandhom it-tagħrif li ġej b'kitba li tinqara b'talanqas lingwa waħda tal-Unjoni:

— il-kelma 'tfaqqis',

— l-isem tal-pajjiż, territorju, żona jew kumpartiment tal-konsenja,

— l-ispeċi tal-għasafar li ma jtirux konċernati,

— l-għadd ta' bajd,

— il-kategorija u t-tip ta' produzzjoni li għalihom ikunu maħsuba,

— l-isem, l-indirizz u n-numru ta' approvazzjoni tal-azjenda,

— l-isem u l-indirizz tal-azjendatal-oriġini,

— id-data tat-tluq tat-trasport

— l-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(c) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

il-kontenituri u l-vetturi li fihom inġarru l-kaxxi msemmija hawn fuq tnaddfu u ġew diżinfettati qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tat-tgħammir.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

PAJJIŻ **HER (bajd għat-tifqis tal-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

— Kaxxa I.28 (Kategorija): Agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/oħrajn; (Sistema ta' identifikazzjoni u Numru ta' identifikazzjoni): Daħħal il-marka tal-bajda.

Parti II:

([1]) Għall-bajd tat-tfaqqis tal-għasafar li ma jtirux tat-tip Struthioniformes (Casuariidae, Rheidae, Struthionidae).

([2]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([3]) Żomm kif xieraq.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

([5]) Applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni 'III' fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Madankollu, dan ma japplikax għall-bajd tat-tfaqqis tal-għasafar li ma jtirux li ġejjin minn kompartimenti.

([6]) Fil-ħin tal-konsenja l-bajd irid jiġi mmarkat individwalment skont ir-Regolament (KE) Nru 617/2008, inkluż in-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tat-tgħammir, b'linka sewda li ma titħassarx; dawn il-marki jridu jinkitbu b'mod li jinqraw u b'mill-inqas lingwa waħda tal-Unjoni.

([7]) Ħassar jekk il-konsenja mhix intiża għall-Finlandja jew l-Isvezja.

([8]) Imla jekk xieraq.

([9]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għall-bajd tat-tfaqqis tal-għasafar li ma jtirux (HER) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandu jibqa' jintuża iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat..

([10]) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għall-bajd tat-tfaqqis miġbur minn għasafar li ma jtirux tat-tgħammir mill-pajjiżi, territorji jew żoni bl-annotazzjoni "X" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:"

(iii) il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju SRP huwa mibdul b'dan li ġej:

"**Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għat-tjur tal-qatla u għat-tjur għall-istokkjar mill-ġdid ta' għasafar tal-kaċċa minbarra l-għasafar li ma jtirux (SRP)**

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
		I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini / Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini / Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni / Kodiċi ISO	I.10.
I.11. Il-post tal-oriġini Isem / Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem / Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem / Numru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz / Numru tal-approvazzjoni		I.14. Data tat-tluq	Ħin tat-tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Dokument:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17. Numru/i tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA)	
		I.20. Kwantità	
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur		I.24.	
I.25. Prodotti ċċertifikati bħala: Qatla ☐ Stokkjar mill-ġdid ta' tjur tal-kaċċa ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-prodott Speċi (Isem xjentifiku) / Kwantità			

PAJJIŻ **SRP (tjur għall-qatla u għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li t-tjur ([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 baqgħu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

għal mill-anqas sitt ġimgħat jew mindu faqqsu jekk għandhom inqas minn sitt ġimgħat qabel l-importazzjoni fl-Unjoni. Fejn kienu importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kumpartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji stretti mill-anqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

([2]) ([3]) ([12]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

(a) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

(b) fejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza avjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u t-tjur ġejjin minn azjendi:

(a) li fit-30 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni l-influwenza b'patoġeniċità baxxa ma kinitx preżenti fihom;

(b) li jinsabu f'żona li mhix taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa u fi kwalunkwe każ li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienx hemm influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-ebda azjenda matul l-aħħar 30 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;

(c) fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjenda fejn ġiet skoperta l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 jum; qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;]

II.1.5 ġejjin minn qatgħa li ma ġietx imlaqqma kontra l-influwenza avjarja;

II.1.6 nżammu mindu faqqsu jew għal mill-anqas fit-30 jum ta' qabel fuq l-azjenda(i) tal-oriġini;

(a) li mhu (mhumiex) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(b) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel;

II.1.7 ġejjin minn qatgħat li:

(a) ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

([3]) *jew* [(b) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

PAJJIŻ **SRP (tjur għall-qatla u għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([3]) *jew* [(b) tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Isem u tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin/i))	Numru tal-lott	L-isem u l-manifattur tal-vaċċin

]

([5]) [(c) tlaqqmu billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Imlaqqma kontra	Numru tal-lott	L-isem, il-manifattur u t-tip ta' vaċċini approvati uffiċjalment

]

II.1.8 matul il-perjodu msemmi f'II.1.6 ma kellhomx kuntatt ma' tjur li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' għasafar selvaġġi.

II.2. **Garanziji addizzjonali għas-saħħa pubblika**

([6]) [Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-qatgħa ta' oriġini u l-qatgħa ġiet ittestjata għal serotipi ta' *Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika.

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-teħid tal-aħħar kampjun tal-qatgħa li minnha r-riżultat tal-ittestjar huwa magħruf [dd/mm/yyyy]	Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa ([7])	
				pożittiv	negattiv

Għal raġunijiet oħra minbarra l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella*, fl-aħħar tliet ġimgħat qabel l-importazzjoni:

([3]) *jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati fuq it-tjur tal-qatla;]

([3]) ([8]) *jew* [l-antimikrobiċi li ġejjin ġew amministrati lit-tjur tal-qatla: .....
.....;]]

II.3. **Garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([9]) [II.3.1 fejn il-konsenja hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġejjin minn qatgħat li:

([3]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle u sar eżami seroloġiku fuqhom għall-preżenza ta' antikorpi tal-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-konsenja u rriżultaw negattivi;]

([3]) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle iżda mhux b'vaċċin ħaj fit-30 jum qabel il-konsenja u għaddew minn test tal-iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-konsenja fuq kampjun kloakali jew kampjuni tal-ħmieġ minn mill-anqas 60 tajra u rriżultaw negattivi;]]

([5]) [II.3.2 il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE, huma previsti:

.....;]

([9]) [II.3.3 jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja it-tjur:

([3]) *jew* [għaddew minn test mikrobijoloġiku billi ttieħdu kampjuni mill-azjenda tal-oriġini u rriżultaw negattivi skont id-Deċiżjoni 95/410/KE;]

([3]) *jew* [ġejjin minnażjenda soġġetta għal programm rikonoxxut mill-Kummissjoni Ewropea bħala ekwivalenti għall-programm nazzjonali tal-Finlandja jew tal-Isvezja, kif xieraq;]]

PAJJIŻ **SRP (tjur għall-qatla u għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.4. **Rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([10]) [għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda ta' Newcastle li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Anness VI (II) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 mhux projbit fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) ma tlaqqmux għal mill-anqas it-12-il xahar ta' qabel b'dawk il-vaċċini;

(b) ġejjin minn xi qatgħa li għaddiet minn test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel il-konsenja fuq kampjun kloakali minn mill-anqas 60 għasfur f'kull qatgħa kkonċernata u li fiha ma nstabu l-ebda paramiksoviruses avjarji b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(c) matul l-aħħar 60 jum qabel il-konsenja, ma kellhomx kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b);

(d) inżammu f'iżolament fl-azjendi tal-oriġini fil-perjodu ta' 14-il jum msemmi f'(b).]

([11]) II.5. **Attestazzjoni tat-trasport tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li t-tjur jinġarru f'kannestri jew f'gaġeġ li:

(a) fihom biss tjur tal-istess speċi, kategorija u tip, li ġejjin mill-istess azjenda;

(b) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

(c) minbarra l-vetturi li fihom jinġarru, huma maħsuba biex:

(i) jipprevjenu l-ħruġ ta' ħmieġ u jnaqqsu kemm jista' jkun kull telf ta' rix waqt il-ġarr;

(ii) jippermettu l-ispezzjoni viżiva tat-tjur;

(iii) jippermettu t-tindif u d-diżinfettazzjoni;

(d) ġew imnaddfa u diżinfettati, kif sar ukoll fil-każ tal-vetturi li fihom inġarru, qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kumpartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi tal-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05 jew 01.06.39.

Parti II:

([1]) Tjur kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 għajr l-għasafar li ma jtirux.

([2]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([3]) Żomm kif xieraq.

PAJJIŻ **SRP (tjur għall-qatla u għall-istokkjar mill-ġdid tal-ħażniet ta' tjur tal-kaċċa għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

([5]) Imla jekk xieraq.

([6]) Din il-garanzija tapplika biss għat-tjur li jappartjenu għall-ispeċi *Gallus gallus* u għad-dundjani.

([7]) Jekk xi wieħed mir-riżultati kien pożittiv għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa tal-oriġini indika bħala pożitiv: *Salmonella* Enteritidis, *Salmonella* Typhimurium.

([8]) Imla jekk xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

([9]) Ħassar jekk il-konsenja mhix intiża għall-Finlandja jew l-Isvezja.

([10]) Din il-garanzija hi meħtieġa biss għat-tjur li jiġu mill-pajjiżi, territorji, żoni jew kompartimenti fejn japplika l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([11]) Jekk jogħġbok innota li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 l-annimali jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jaraw dawn jifilħux ikomplu l-vjaġġ wara li jidħlu fl-Unjoni. F'każ li r-rekwiżiti ma jintlaħqux, l-annimali jeħtieġ li jinħattu u jittieħdu miżuri ulterjuri.

([12]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għat-tjur tal-qatla u għat-tjur għall-istokkjar mill-ġdid ta' għasafar tal-kaċċa minbarra l-għasafar li ma jtirux (SRP) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom jibqgħu jintużaw, iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:"

(iv) Il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji POU u RAT qed jinbidlu b'dan li ġej:

"**Mudell ta' ċertifikat veterinarju għal-laħam tat-tjur (POU)**

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur
Isem
Indirizz

Pajjiż
Nru tat-Tel.

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti

I.4. Awtorità Lokali Kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz

Pajjiż
Nru tat-Tel.

I.6.

I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO

I.8. Ir-reġjun tal-oriġini | Kodiċi

I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO

I.10.

I.11. Il-post tal-oriġini

Isem | Numru tal-approvazzjoni

Indirizz

I.12.

I.13. Post tat-tagħbija
Indirizz

I.14. Data tat-tluq

I.15. Mezz ta' trasport

Ajruplan ☐ Vapur ☐
Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Dokument:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA)

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodotti

Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Iffriżata ☐

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati bħala:

Konsum mill-bniedem ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodott

Numru tal-approvazzjoni tal-azjendi

Speċi (isem xjentifiku)	Biċċerija	Impjant tat-tqattigħ	Maħżen kiesaħ	Għadd ta' pakketti	Piż nett

PAJJIŻ **POU (laħam tat-tjur)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li jiena mgħarraf bid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nri 178/2002, 852/2004, 853/2004 u 854/2004 u b'dan qed niċċertifika li l-laħam tat-tjur ([1]) deskritt f'dan iċ-ċertifikat inkiseb skont dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

(a) ġej minn azjenda(i) li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

(b) ġie prodott skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsimiet II u V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) instab li hu tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet qabel u wara l-qatla li saru skont it-Taqsima IV, Kapitlu V tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004;

(d) ġie mmarkat b'marka ta' identifikazzjoni skont it-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) jissodisfa l-kriterji rilevanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel;

(f) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet tar-residwi sottomessi skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, intlaħqu.

([2]) [(g) jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1688/2005 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill meta għandhom x'jaqsmu l-garanziji speċjali li jikkonċernaw is-*Salmonella* għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Isvezja ta' ċertu laħam u bajd;]

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-laħam tat-tjur deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1 ġej minn:

([3]) ([4]) ([6]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ..... ;]

([4]) ([5]) *jew* [kumpartiment(i) ..... ;]

li, fid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat, kien ħieles (kienu ħielsa) minn:

l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u

l-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.2.2 inkiseb minn tjur li:

([4]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-influwenza avjarja;]

([4]) *jew* [tlaqqmu kontra l-influwenza avjarja skont pjan ta' tilqim skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta':

.....

(isem u tip ta' vaċċin(i) użat(i))

fl-età ta' ..... ġimgħat;]

II.2.3 inkiseb minn tjur li nżammu fi:

([3]) ([4]) ([9]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ;]

([4]) ([5]) ([9]) *jew* [kumpartiment(i) .....;]

mindu faqqsu jew ġew importati bħala flieles ta' jum jew tjur tal-qatla minn (a) pajjiż(i) terzi elenkati għal dak il-prodott fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 skont kundizzjonijiet mill-anqas ekwivalenti għal dawk ta' dak ir-Regolament;

II.2.4 inkiseb minn tjur li ġej minn azjendi:

(a) li mhuma soġġetti għall-ebda restrizzjoni dwar saħħet l-annimali;

(b) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel;

PAJJIŻ **POU (laħam tat-tjur)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.2.5 inkiseb minn tjur li:

([7]) (a) inqatlu fi ..... (dd/mm/yyyy) jew bejn ..... (dd/mm/yyyy) u ..... (dd/mm/yyyy);

(b) ma nqatlu taħt l-ebda skema tas-saħħa tal-annimali għall-kontroll jew l-eradikazzjoni tal-mard tat-tjur;

(c) waqt it-trasport lejn il-biċċerija, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur infettati bl-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew bil-marda ta' Newcastle;

II.2.6 (a) ġej minn biċċeriji approvati li, fil-ħin tal-qatla, ma kinux taħt restrizzjonijiet minħabba tifqigħa suspettata jew ikkonfermata tal-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle u f'raġġ ta' 10 km fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal talanqas fit-30 jum ta' qabel;

(b) fil-ħin tal-qatla, tat-tqattigħ, tal-ħżin jew tal-ġarr ma ġiex f'kuntatt ma' tjur jew ma' laħam fi stat ta' saħħa inferjuri;

([8]) [II.2.7 ġej minn tjur tal-qatla li:

(a) ma tlaqqmux b'vaċċini ppreparati minn żerriegħa ewlenija tal-virus tal-marda ta' Newcastle li turi patoġeniċità ogħla mir-razez lentoġeniċi tal-virus;

(b) għaddew minn test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali fil-ħin tal-qatla fuq kampjun każwali kloakali minn tal-anqas 60 tajra f'kull qatgħa kkonċernata u li fih ma nstabu l-ebda paramiksoviruses avjarji b'Indiċi ta' Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(c) ma ġewx f'kuntatt fit-30 jum ta' qabel il-qatla ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b).]

([10]) [II.2.8 ġejjin minn qatgħat ta' tjur tal-qatla li kienu eżaminati u ttestjati skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 798/2008].

II.3. Attestazzjoni tal-benesseri tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-laħam frisk deskritt fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat ġej minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija, qabel u waqt il-qatla, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u ssodisfaw ir-rekwiżiti li huma tal-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitoli II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda minn fejn jintbagħtu.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 02.07, 02.08 jew 05.04.

Parti II:

([1]) "Laħam tat-tjur" tfisser il-partijiet li jittieklu ta' tjur imkabbra fl-irziezet li mhumiex ikkunsidrati bħala domestiċi iżda li huma mkabbra bħala annimali domestiċi, bl-eċċezzjoni tal-għasafar li ma jtirux, li ma sarilhom l-ebda trattament minbarra trattament kiesaħ biex jiżgura l-preservazzjoni; laħam ippakkjat billi titneħħielu l-arja mill-imballaġġ, jew laħam ippakkjat f'atmosfera kkontrollata għandu wkoll ikollu miegħu ċertifikat konformi ma' dan il-mudell.

Dan jinkludi laħam ta' għasafar tal-kaċċa selvaġġi kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([2]) Ħassar jekk il-konsenja mhix maħsuba għall-importazzjoni lejn l-Isvezja jew il-Finlandja.

([3]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

PAJJIŻ **POU (laħam tat-tjur)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([4]) Żomm kif xieraq.

([5]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

([6]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għal-laħam tat-tjur (POU) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom ikomplu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

([7]) Indika d-data jew id-dati tal-qatla. L-importazzjonijiet ta' dan il-laħam ma għandhomx ikunu permessi meta jinkisbu minn tjur li nqatlu fit-territorju jew fil-kumpartiment(i) imsemmi(ja) taħt II.2.1 matul perjodu fejn ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' dan il-laħam minn dan it-territorju jew minn dan (dawn) il-kumpartiment(i).

([8]) Applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni "VI" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([9]) Jekk il-laħam ġej minn tjur tal-qatla li joriġinaw minn pajjiż(i) terz(i) ieħor (oħrajn) elenkat/i f'Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għall-importazzjonijiet ta' dak il-prodott fl-Unjoni, il-kodiċi/kodiċijiet tal-pajjiż(i) jew tat-territorju(i) ta' dak/dawk il-pajjiż(i) u tal-pajjiż terz li joqtol it-tjur għandu jiġi indikat/għandhom jiġu indikati.

([10]) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal-laħam tat-tjur li ġej mill-pajjiżi, territorji jew żoni bl-annotazzjoni "X" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għal-laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem (RAT)

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
		I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini	Kodiċi
I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.	
I.11. Il-post tal-oriġini Isem Indirizz	Numru tal-approvazzjoni	I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Dokument:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA) **02.08.90**	
		I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura tal-prodotti Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Iffriżata ☐		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur		I.24.	
I.25. Prodotti ċċertifikati bħala: Konsum mill-bniedem ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-prodott

Speċi (isem xjentifiku)	Numru tal-approvazzjoni tal-azjendi: Biċċerija	Impjant tat-tqattigħ	Maħżen kiesaħ	Għadd ta' pakketti	Piż nett

PAJJIŻ

RAT (laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem)

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li jiena mgħarraf bid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nri 178/2002, 852/2004, 853/2004 u 854/2004 u b'dan qed niċċertifika li l-laħam tal-għasafar li ma jtirux ([1]) deskritt f'dan iċ-ċertifikat inkiseb skont dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

(a) ġej minn azjenda(i) li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

(b) ġie prodott skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsimiet III u V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) instab li hu tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni qabel u wara l-qatla skont it-Taqsima IV, il-Kapitolu VII tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 ([2]);

(d) ġie mmarkat b'marka ta' identifikazzjoni skont it-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet tar-residwi sottomessi skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, intlaħqu.

II.2. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-laħam tal-għasafar li ma jtirux deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1 ġej minn:

([2]) ([3]) ([4]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ..... ;]

([2]) ([4]) *jew* [kumpartiment(i) ..... ;]

([2]) *jew* [II.2.1.1 li, fid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat, kien ħieles (kienu ħielsa) mill-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

([6]) [il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008]];

([2]) ([11]) *jew* [II.2.1.1 minn azjenda(i) magħluq(in) irreġistrat(i) approvat(i) mill-awtorità kompetenti li f'raġġ ta' distanza ta' 100 km madwar dik l-azjenda, inkluż, fejn applikabbli, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet ebda tifqigħa ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa jew għolja għal mill-inqas l-aħħar 24 xahar, u fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbilimenti tat-tjur tal-irziezet jew tal-għasafar li ma jtirux li fihom kienet preżenti l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa jew għolja fl-aħħar 24 xahar u li, fid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat, kien ħieles (kienu ħielsa) mill-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u l-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

II.2.2 inkiseb minn għasafar li ma jtirux li:

([2]) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-influwenza avjarja;]

([2]) *jew* [tlaqqmu kontra l-influwenza avjarja skont pjan ta' tilqim b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta':

.....

(isem u tip ta' vaċċin(i) użat(i))

fl-età ta' ..... ġimgħat;]

([7]) inqatlu fi ..... (dd/mm/yyyy) jew bejn ..... (dd/mm/yyyy) u ..... (dd/mm/yyyy);

II.2.3 ġie:

([2]) ([6]) *jew* [II.2.3.1 inkiseb minn għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet li, għal mill-inqas tliet xhur qabel il-qatla jew minn meta faqqsu, inżammu b'mod kontinwu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([2]) ([4]) *jew* [kumpartiment(i) .....;]]

([2]) ([11])*jew* [II.2.3.1 miksub minn għasafar li jtirux li nżammu kontinwament mindu faqqsu jew mill-introduzzjoni tagħhom bħala flieles ta' jum f'[azjenda(i) magħluq(in) irreġistrat(i) approvat(i) mill-awtorità kompetenti li f'raġġ ta' distanza ta' 100 km madwar dak l-istabbiliment, inkluż, fejn applikabbli, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet ebda tifqigħa ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa jew għolja għal mill-inqas l-aħħar 24 xahar, u fejn ma jkun hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjenda tat-tjur jew ta' għasafar li ma jtirux li fihom kienet preżenti l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa jew għolja fl-aħħar 24 xahar;]

PAJJIŻ **RAT (laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([2]) ([8]) *jew* [II.2.3.1 imnaddaf mill-għadam u l-ġilda u nkiseb minn għasafar li ma jtirux li nżammu kontinwament għal mill-inqas it-tliet xhur qabel il-qatla, jew minn meta faqqsu, fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([2]) ([4]) *jew* [kumpartiment(i) .....;]]

([2]) ([11]) *jew* [II.2.3.1 miksub minn għasafar li jtirux li nżammu kontinwament mindu faqqsu jew mill-introduzzjoni tagħhom bħala flieles ta' jum f'[azjenda(i) magħluq(in) irreġistrat(i) approvat(i) mill-awtorità kompetenti li f'raġġ ta' distanza ta' 100 km madwar dak l-istabbiliment, inkluż, fejn applikabbli, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet ebda tifqigħa ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa jew għolja għal mill-inqas l-aħħar 24 xahar, u fejn ma jkun hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjenda tat-tjur jew ta' għasafar li ma jtirux li fihom kienet preżenti l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa jew għolja fl-aħħar 24 xahar;]

II.2.4 ġie:

([6]) ([2]) ([12]) *jew* [II.2.4.1 miksub minn għasafar li ma jtirux minn azjenda(i):

(a) fejn isiru żjarat ta' spezzjonijiet veterinarji fuq bażi regolari sabiex jiġi identifikat mard li jista' jiġi trażmess lill-bnedmin jew lill-annimali;

(b) li mhux (mhumiex) soġġett(i) għal restrizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali b'konnessjoni ma' ebda marda li huma suxxettibbli għaliha l-għasafar li ma jtirux/jew tjur oħra;

(c) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel;]

([8]) ([2]) ([12]) *jew* [II.2.4.1 imnaddaf mill-għadam u l-ġilda u ġej minn għasafar li ma jtirux li tkabbru/nżammu fl-istabbilimenti għal mill-anqas tliet xhur qabel il-qatla:

(a) fejn isiru żjarat ta' spezzjonijiet veterinarji fuq bażi regolari sabiex jiġi identifikat mard li jista' jiġi trażmess lill-bnedmin jew lill-annimali;

(b) li mhumiex soġġetti għal restrizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali b'konnessjoni ma kwalunkwe marda li huma suxxettibbli għaliha l-għasafar li ma jtirux u/jew tjur oħra;

(c) li fihom ma seħħet ebda tifqigħa tal-marda ta' Newcastle jew tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja fis-sitt xhur ta' qabel u li madwarhom ma seħħet l-ebda tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal tal-anqas tliet xhur f'distanza ta' 10 km mill-perimetru ta' dik il-parti tal-azjenda fejn jinżammu l-għasafar li ma jtirux, inkluż fejn rilevanti, it-territorju ta' pajjiż ġar;]

([2]) *jew* [II.2.4.1 tnaddaf mill-għadam u l-ġilda u ġej minn għasafar li ma jtirux minn pajjiżi fl-Asja jew fl-Afrika li:

(a) tqegħdu f'iżolament f'postijiet li fihom ma jistax jidħol qurdien, skont programm approvat b'mod uffiċjali għall-kontroll tal-annimali gerriema għal mill-anqas 14-il jum qabel il-qatla;

(b) qabel ma ttieħdu fil-postijiet li fihom ma jistax jidħol qurdien:

([2]) *jew* [ġew eżaminati biex ikun ivverifikat li ma għandhomx qurdien,]

([2]) *jew* [sar trattament fuqhom biex ikun żgurat li l-qurdien kollu li kien fuqhom inqered permezz ta' (speċifika t-trattament): .....

u li dan it-trattament ma wassal għal ebda residwi li jistgħu jiġu osservati fil-laħam tal-għasafar li ma jtirux;]

(c) ġew iċċekkjati għall-preżenza ta' qurdien mal-wasla fil-biċċerija (kull lott), b'riżultati negattivi;]

II.2.5 ma nkisibx minn għasafar li ma jtirux li nqatlu bħala parti minn kwalunkwe skema tas-saħħa tal-annimali għall-kontroll jew il-qerda tal-mard tat-tjur u/jew tal-għasafar li ma jtirux;

II.2.6 ġej minn għasafar li ma jtirux:

([2]) ([6]) ([9]) *jew* [II.2.6.1 li tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj fit-30 jum qabel il-qatla;]

([2]) ([6]) *jew* [II.2.6.1 li ma ġewx imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj fit-30 jum qabel il qatla;]

([2]) ([8]) *jew* [II.2.6.1 li ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

([2]) ([8]) *jew* [II.2.6.1 li tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta'vaċċin ħaj li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 iżda ma tlaqqmux fit-30 jum ta' qabel il-qatla;]

([2]) ([8]) *jew* [II.2.6.1 li tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin inattivat li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 798/2008]

([8]) ([10]) [II.2.7 ġej minn għasafar li ma jtirux minn azjendi li fihom saret is-sorveljanza għall-marda ta' Newcastle skont pjan ta' kampjunar ibbażat fuq l-istatistika li għalih inkisbu riżultati negattivi għal mill-anqas sitt xhur eżatt qabel l-importazzjoni lejn l-Unjoni;]

PAJJIŻ **RAT (laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.2.8 ġej minn għasafar li ma jtirux li waqt il-ġarr lejn il-biċċerija ma ġewx f'kuntatt ma' tjur u/jew għasafar li ma jtirux infettati bl-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew bil-marda ta' Newcastle;

II.2.9 ġej minn biċċeriji approvati li, fil-ħin tal-qatla, ma kinux taħt restrizzjonijiet minħabba tifqigħa suspettata jew ikkonfermata tal-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle u f'raġġ ta' 10 km fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal mill-anqas fit-30 jum ta' qabel; ma ġiex f'kuntatt, f'ebda ħin waqt il-qatla, it-tqattigħ, il-ħżin jew il-ġarr, ma' għasafar li ma jtirux jew ma' laħam li mhuwiex konformi mar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

([13]) [II.2.10 ġejjin minn qatgħat ta' għasafar li ma jtirux tal-qatla li kienu eżaminati u ttestjati skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 798/2008].

II.3. **Attestazzjoni tal-benesseri tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-laħam frisk deskritt fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat ġej minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija, qabel u waqt il-qatla, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u ssodisfaw ir-rekwiżiti li huma tal-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitoli II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda minn fejn jintbagħtu.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

Parti II:

([1]) "Laħam ta' għasafar li ma jtirux" ifisser kwalunkwe parti, għajr il-ġewwieni, ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet u li huma tajba għall-konsum mill-bniedem u li ma jkun sarilhom l-ebda trattament minbarra trattament bil-kesħa biex tiġi żgurata l-preservazzjoni; laħam ippakkjat billi titneħħielu l-arja mill-imballaġġ, jew laħam ippakkjat f'atmosfera kkontrollata għandu wkoll ikollu miegħu ċertifikat konformi ma' dan il-mudell.

([2]) Żomm kif xieraq.

([3]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

([5]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għal-laħam ta' għasafar li ma jtirux imkabbra fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem (RAT) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom ikomplu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

([6]) Mhux applikabbli għall-pajjiżi bl-annotazzjoni "VII" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([7]) Indika d-data jew id-dati tal-qatla. L-importazzjonijiet ta' dan il-laħam ma għandhomx ikunu permessi meta jinkisbu minn għasafar li ma jtirux li nqatlu fit-territorju jew fil-kumpartiment(i) imsemmi(ja) taħt II.2.1 matul perjodu fejn ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' dan il-laħam minn dan it-territorju jew minn dan (dawn) il-kumpartiment(i).

([8]) Applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni "VII" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([9]) Din il-konsenja ma tistax tintbagħat lejn l-Isvezja jew il-Finlandja.

([10]) F'qatgħat mhux imlaqqma din is-sorveljanza ssir permezz tas-seroloġija, filwaqt li f'qatgħat imlaqqma ssir pemezz ta' kampjuni ta' materjal trakeali ta' għasafar li ma jtirux.

([11]) Esklussivament għal laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem (RAT) minn pajjiżi jew territorji ta' dak il-pajjiż, bl-annotazzjoni "H" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Ingħataw garanziji li l-laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija f'azjendi għall-konsum mill-bniedem (RAT) hu prodott minn għasafar li ma jtirux miżmuma f'azjenda magħluqa rreġistrata, u li hu approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz. F'każ ta' tifqigħa ta' influenza avjarja b'patoġeniċità għolja, l-importazzjonijiet ta' laħam ta' dan it-tip xorta waħda jistgħu jiġu awtorizzati jekk il-laħam ikun inkiseb minn għasafar li ma jtirux li jkunu ġejjin minn azjenda magħluqa rreġistrata li jkun ħieles mill- ta' influenza avjarja b'patoġeniċità baxxa jew għolja, jekk f'raġġ ta' distanza ta' 100 km madwar dik l-azjernda, inkluż, fejn applikabbli, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet ebda tifqigħa ta' influenza avjarja b'patoġeniċità baxxa jew għolja għal mill-inqas matul l-aħħar 24 xahar, u fejn ma jkun hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjendi tat-tjur jew tal-għasafar li ma jtirux li fihom kienet preżenti l-influenza avjarja b'patoġeniċità baxxa jew għolja fl-aħħar 24 xahar.

PAJJIŻ **RAT (laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([12]) Mhux applikabbli għal azjendi rreġistrati magħluqa tal-għasafar li ma jtirux.

([13]) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għal-laħam ta' għasafar li ma jtirux li ġejjin mill-pajjiżi, territorji jew żoni bl-annotazzjoni "X" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:"

(v) Il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji E u EP qed jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"**Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-bajd (E)**

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur
Isem
Indirizz

Pajjiż
Nru tat-Tel.

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti

I.4. Awtorità Lokali Kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz

Pajjiż
Nru tat-Tel.

I.6.

I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO

I.8. Ir-reġjun tal-oriġini | Kodiċi

I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO

I.10.

I.11. Il-post tal-oriġini

Isem
Indirizz

Numru tal-approvazzjoni

I.12.

I.13. Post tat-tagħbija
Indirizz

I.14. Data tat-tluq

I.15. Mezz ta' trasport

Ajruplan ☐ Vapur ☐
Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Dokument:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17 Numru/i tas-CITES

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA)
04.07

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodotti
Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Iffriżata ☐

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati bħala:

Konsum mill-bniedem ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodott

Speċi (isem xjentifiku)	Numru tal-approvazzjoni tal-azjendi: Iċ-ċentru għall-ippakkjar	Maħżen kiesaħ	Għadd ta' pakketti	Piż nett

PAJJIŻ **E(bajd)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-bajd deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 ġej minn azjenda li fih l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 ma kinitx preżenti matul l-aħħar 30 jum qabel il-ħin tal-ġbir tal-bajd u sakemm jinħareġ dan iċ-ċertifikat; kif ukoll

([2]) [II.1.2 ġej minn qatgħat li kienu eżaminati u ttestjati skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 798/2008].

II.2. **Ċertifikat tas-Saħħa Pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li jiena mgħarraf bid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nri 178/2002, 852/2004, 853/2004 u 2160/2003 u b'dan qed niċċertifika li l-bajd deskritt f'dan iċ-ċertifikat inkiseb skont dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

II.2.1 ġejjin minn azjendi(i) li jimplementa(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

II.2.2 inżamm, inħażen, ġie ttrasportat u kkonsenjat skont il-kundizzjonijiet rilevanti li ġew stabbiliti fil-Kapitolu I tat-Taqsima X tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

([1]) [II.2.2.1 jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw is-*Salmonella* għall-konsenji għall-Finlandja u l-Isvezja ta' ċertu laħam u bajd jew ir-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2012 dwar l-estensjoni ta' garanziji speċjali dwar is-*Salmonella* stabbiliti fir- Regolament (KE) Nru 853/2004, għall-bajd maħsub biex jintbagħat lejn id-Danimarka;]

II.2.3 il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet tar-residwi sottomessi skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, intlaħqu.

II.2.4 jissodisfa r-rekwiżiti fl-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003. B'mod partikolari:

(i) ma għandux jiġu importat bajd minn qatgħat ta' tiġieġ li jbidu li fihom instabet is-*Salmonella* spp. bħala riżultat tal-investigazzjoni epidemjoloġika ta' tifqigħa tażmessa mill-ikel jew jekk ma jkunu ngħataw l-ebda garanziji ekwivalenti sakemm il-bajd ma jkunx immarkat bħala bajd tal-klassi B;

(ii) il-bajd ma għandux jiġi importat minn qatgħat ta' tiġieġ tal-bajd bi status tas-saħħa mhux magħruf, li huma suspettati li huma infettati jew minn qatgħat infettati bis-*Salmonella* Enteritidis u/jew bis-*Salmonella* Typhimurium li għalihom ġiet iffissata mira fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li fuqhom il-monitoraġġ ekwivalenti għall-monitoraġġ stipulat fid-dispożizzjonijiet fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 517/2011 mhux applikat, jew jekk ma ngħataw l-ebda garanziji ekwivalenti sakemm il-bajd mhux immarkat bħala bajd tal-klassi B.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi tal-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda minn fejn jintbagħtu.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa 1.18: Indika l-klassi tal-bajd skont il-Parti VI tal-Anness VII mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Parti II:

([1]) Ħassar jekk il-konsenja mhix maħsuba għall-importazzjoni lejn l-Isvezja, il-Finlandja jew id-Danimarka.

([2]) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għall-bajd miġbur minn tjur fil-pajjiżi, territorji jew żoni bl-annotazzjoni "X" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

Ċertifikat veterinarju mudell għall-prodotti tal-bajd (EP)

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħutat

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini	Kodiċi
I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.	
I.11. Il-post tal-oriġini Isem Indirizz Isem Indirizz Isem Indirizz	Numru tal-approvazzjoni Numru tal-approvazzjoni Numru tal-approvazzjoni	I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi ta' dokumentazzjoni		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA)	
		I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura tal-prodott Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Iffriżata ☐		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur		I.24. Tip ta' imballaġġ	
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Konsum mill-bniedem ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi (isem xjentifiku) / Natura tal-komodità / Numru tal-approvazzjoni tal-azjendi: Impjant tal-manifattura / Maħżen kiesaħ / Piż nett			

PAJJIŻ: **EP (prodotti tal-bajd)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-prodotti tal-bajd deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġejjin minn bajd li ġej minn azjenda(i) li fihom l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja jew il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 ma kinitx preżenti matul l-aħħar 30 jum qabel il-ħin tal-ġbir tal-bajd; kif ukoll

jew

([1]) [II.1.1. li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel.]

jew

([1]) [II.1.1. il-prodotti tal-bajd kienu pproċessati:

([1]) *jew* [il-likwidu tal-abjad tal-bajd kien ittrattat:

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 55.6 °C għal 870 sekonda.]

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 56.7 °C għal 232 sekonda.]]

([1]) *jew* [10 % tal-isfar tal-bajd immellaħ ġie ttrattat b'temperatura ta' 62.2 °C għal 138 sekonda;]

([1]) *jew* [l-abjad tal-bajd imnixxef kien ittrattat:

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 67 °C għal 20 siegħa.]

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 54.4 °C għal 513–il siegħa.]]

([1]) *jew* [[il-bajd sħiħ ġie ttrattati talanqas:

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 60 °C għal 188 sekonda.]

([1]) *jew* [msajjra kompletament.]]

([1]) *jew* [it-taħlitiet tal-bajd sħiħ ġew ittrattati mill-inqas:

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 60 °C għal 188 sekonda.]

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 61.1 °C għal 94 sekonda.]

([1]) *jew* [imsajjra kompletament.]]]

jew

([1]) [II.1.2 li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel.]

jew

([1]) [II.1.2 rigward il-preżenza tal-marda ta' Newcastle il-prodotti tal-bajd ġew ipproċessati:

([1]) *jew* [il-likwidu tal-abjad tal-bajd kien ittrattat:

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 55 °C għal 2 278 sekonda.]

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 57 °C għal 986 sekonda.]

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 59 °C għal 301 sekonda.]]

([1]) *jew* [10 % tal-isfar tal-bajd immellaħ ġie ttrattat b'temperatura ta' 55 °C għal 176 sekonda;]

([1]) *jew* [l-abjad tal-bajd imnixxef ġie ttrattat b'temperatura ta' 57 °C għal 50.4 siegħa;]

([1]) *jew* [il-bajd sħiħ ġie ttrattati mill-anqas:

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 55 °C għal 2 521 sekonda.]

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 57 °C għal 1 596 sekonda.]

([1]) *jew* [b'temperatura ta' 59 °C għal 674 sekonda.]]

([1]) *jew* [imsajjra kompletament.]]]

II.2. **Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali/spettur uffiċjali sottoskritt niddikjara li jiena konxju tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nri 178/2002, 852/2004 u 853/2004 u b'dan qed niċċertifika li l-prodotti tal-bajd deskritti f'dan iċ-ċertifikat inkisbu skont dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

II.2.1 ġejjin minn azjendi(i) li jimplementa(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

II.2.2 ġew prodotti minn materja prima li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitolu II (II) tat-Taqsima X tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

PAJJIŻ: **EP (prodotti tal-bajd)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.2.3 ġew immanufatturati skont ir-rekwiżiti tal-iġjene stipulati fil-Kapitolu II (III) tat-Taqsima X tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.2.4 jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet analitiċi fil-Kapitolu II (IV) tat-Taqsima X tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji rilevanti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel;

II.2.5 ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni skont it-Taqsima I tal-Anness II u l-Kapitolu II (V) tat-Taqsima X tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.2.6 il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet tar-residwi sottomessi skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, intlaħqu.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: tagħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi tal-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda minn fejn intbagħat.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: uża l-kodiċi adattat tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija: 04.07, 04.08, 35.02 jew 21.06.10.

— Kaxxa I.28: Natura tal-prodott: speċifika l-perċentwali ta' kontenut tal-bajd.

Parti II:

([1]) Żomm kif xieraq.

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Date: Firma:

Timbru:"

(2) F'Anness III, Taqsima I, għandu jiżdied il-punt 8 li ġej:

"8. *Garanziji addizzjonali (X) fir-rigward ta' ċerti pajjiżi terzi li mhumiex ħielsa mill-marda ta' Newcastle*

8.1. Fl-azjendi msemmija fil-punt 8.2, il-veterinarju uffiċjali għandu:

(a) kontroll tar-reġistri tal-produzzjoni u tas-saħħa tal-azjenda.

(b) għandu jwettaq spezzjoni klinika f'kull unità ta' produzzjoni, inkluż evalwazzjoni tal-istorja klinika tagħha u l-eżamijiet kliniċi tat-tjur — b'mod partikolari dawk li jidhru li huma morda — f'kull unità ta' produzzjoni minn fejn il-konsenja msemmija fil-punt 8.2 hija maħsuba;

(c) jieħu mill-inqas 60 kampjun trakeali jew orofaringali u 60 kampjun mill-kloaka għal investigazzjonijiet f'laboratorju li għandhom jitwettqu biex jiċċekkjaw il-preżenza tal-virus tal-marda ta' Newcastle minn tjur u għasafar li ma jtirux minn kull unità ta' produzzjoni minn fejn il-konsenja msemmija fil-punt 8.2 hija maħsuba; jekk in-numru ta' għasafar preżenti fl-istess unità epidemjoloġika huwa inqas minn 60, il-kampjuni jridu jittieħdu mill-għasafar kollha. Fil-każ ta' prodotti msemmija f'8.2(c) dan il-kampjunar jista' jseħħ ukoll fil-biċċerija.

8.2. Il-punt 8.1 japplika f'azjendi minn fejn il-konsenja hija maħsuba biex tintbagħat lejn l-Unjoni:

(a) tjur tat-tgħammir jew produttivi u għasafar li ma jtirux tat-tgħammir jew produttivi (BPP, BPR);

(b) il-flieles ta' jum, flieles ta' jum ta' għasafar li ma jtirux, bajd għat-tfaqqis ta' tjur jew għasafar li ma jtirux u l-bajd għall-konsum (DOC, DOR, HEP, HER, E);

(c) laħam miksub minn tjur u għasafar li ma jtirux miżmuma f'azjendi ta' dan it-tip (POU, RAT);

8.3. Il-proċeduri previsti fil-punt 8.1 għandhom jitwettqu:

(a) għall-prodotti msemmija fil-punti (a) u (c) tal-punt 8.2, fi żmien mhux aktar minn 72 siegħa qabel il-konsenja lejn l-Unjoni jew qabel il-qatla ta' tjur u għasafar li ma jtirux;

(b) għall-prodotti msemmija fil-punt (b) tal-punt 8.2, f'intervalli ta' 15-il jum jew f'każ ta' konsenji mhux frekwenti lejn l-Unjoni, mhux aktar minn sebat ijiem qabel il-ġbir tal-bajd għat-tfaqqis.

8.4. Il-proċeduri msemmija fil-punt 8.1 għandu jkollhom eżitu favorevoli u l-investigazzjonijiet f'laboratorju msemmija hawn fuq għandhom ikunu mwettqa f'laboratorju uffiċjali, jagħtu riżultati negattivi u jkunu disponibbli qabel il-konsenja lejn l-Unjoni ta' kwalunkwe prodotti elenkati fil-punti 8.2."